


# Il-Missier ikellem lil uliedu

"**Il-missier ikellem lil uliedu**"

Imprimatur: + Petrus Canisius van Lierde,
Vic. Generalis e Vic. Civitatis Vaticanae, Roma, die 13 Martii 1989



©"Il-missier ikellem lil uliedu "
Associazione "Dio è Padre – Casa Pater"
C.P. 135 – I-67100 L'Aquila (l-Italja)

Ippubblikat u mqassam minn:
"EDIZIONI NIDI DI PREGHIERA"
C.P. 135 – I-67100 L'AQUILA (Taljan)

Ir-4 edizzjoni stampata bl-Ingliż, Lulju-13, 1995
l-1 edizzjoni pdf diġitali bl-Ingliż, Frar-28, 2005
Maqlub għall-Malti, Jannar 2024 (Mario Vella M.D)

Din l-edizzjoni sservi bħala manuskritt.
Ma tistax tinbiegħ u ma tkunx disponibbli kummerċjalment. Dan il-ktieb jitqassam bla spejjeż sabiex jiċċirkola l-messaġġ tal-Missier. Għalhekk, ħadd mhu awtorizzat li jitlob flus jew donazzjonijiet għal dan ix-xogħol, li jrid jeżisti biss billi jafda bit-tama ta' dan il-messaġġ. Dawk kollha, li jixtiequ jirringrazzjaw għal provediment ta' dan il-manuskritt huma mistiedna jitolbu, speċjalment għal dawk in-nies, li għadhom ma jafux lill-Missier. Kulħadd jista' jgħin b'mod volontarju biex iqassam dan il-messaġġ.

**KONTENUT**

**INTRODUZZJONI** ---------- 3
**BIJOGRAFIJA QASIRA TA' MADRE EUGENIA ELISABETTA RAVASIO** ---------- 4
**XHIEDA TAR-REVERENDU A. CAILLOT** ---------- 5
KONKLUŻJONIJIET ---------- 8
**IL-MESSAĠĠ TAL-MISSIER** ---------- 9
L-EWWEL PARTI ---------- 9
LILL-PAPA ---------- 18
LILL-ISQOF ---------- 20
**IL-MESSAĠĠ TAL-MISSIER** ---------- 22
IT-TIENI PARTI ---------- 22
**TALBA TA' MADRE EUGENIA** ---------- 32
**SOMMARJU** ---------- 34



Ritratt awtentiku tal-istampa impittra fuq talba ta' Madre Eugenia wara d-dehriet.

## PREFAZJU
## "ALLA HUWA MISSIERI"

"Alla hu Missieri!" Din l-għajta qed tinstema' dejjem aktar ta' spiss fid-dinja tal-lum: in-nies qed jagħrfu li Alla huwa tassew Missierhom.

Konsegwentement, inħossu li huwa d-dmir tagħna li nippubblikaw messaġġ, mogħti lid-dinja minn Alla l-Missier permezz ta' waħda mill-kreaturi Tiegħu li tant ħabbitu, Sor Eugenia Elisabetta Ravasio, u rikonoxxut bħala validu mill-Knisja.

Aħna inqisu li huwa xieraq li nintroduċu dan ix-xogħol billi nikkwotaw ix-xhieda ta’ eks Isqof ta' Grenoble, ir-Reverendu Alexandre Caillot. Fl-1935 waqqaf bord ta' esperti, meħud minn diversi partijiet ta' Franza, biex imexxi inkjesta djoċesana, li damet għaxar snin.

Il-membri tiegħu kienu jinkludu l-Vigarju Ġenerali tal-Isqof ta' Grenoble, Mons. Guerry, teologu; l-aħwa Ġiżwiti, Patris Albert u Auguste Valencin-Amons, li kklassifikaw fost l-awtoritajiet ewlenin fil-qasam tal-filosofija u t-teoloġija u kienu esperti fl-evalwazzjoni ta' każijiet bħal dawn; u żewġ tobba tal-mediċina, li wieħed minnhom kien psikjatra.

Ninsabu ċerti li dan il-messaġġ jgħin lin-nies jifhmu t-tenerezza profonda li għandu l-Missier għal kull wieħed u waħda minna, u nittamaw li jirċievi l-aktar ċirkolazzjoni wiesgħa possibbli.

Patri Andrea D'Ascanio
OFM Cap.

**BIJOGRAFIJA QASIRA TA’ SOR MADRE EUGENIA ELISABETTA RAVASIO**

Min hi Madre Eugenia, li Alla l-Missier sejjaħ "Binti l-għażiża", "Il-pjanta żgħira tiegħi"?

Fl-opinjoni tagħna, Madre Eugenia hija waħda mill-akbar dwal ta' żminijietna, il-profeta ċkejken ta' Knisja ġdida, li fiha l-Missier huwa ċ-ċentru u l-quċċata tal-umanità kollha, u li fiha, l-għaqda hija l-ogħla ideal tal-ispiritwalità. Hija id-dawl mogħti mill-Missier lid-dinja f'dan iż-żmien ta' taħwid u dlam, biex aħna naraw it-triq li trid tiġi segwita.

Hija twieldet f'San Gervasio d'Adda (illum Capriato San Gervasio), belt żgħira fil-provinċja ta' Bergamo, l-Italja, fl-4 ta' Settembru 1907, f'familja bi sfond ta’ bdiewa.

Hija rċeviet biss edukazzjoni elementari. Wara ftit snin taħdem f'fabbrika, daħlet fil-Kongregazzjoni tal-Madonna tal-Appostli fl-età ta' 20 sena. Kien hawn li żviluppat il-personalità kariżmatika kbira tagħha, li wasslet għall-elezzjoni tagħha bħala Madre Ġenerali tal-Kongregazzjoni fl-età ta' 25 sena biss.

Apparti l-kwalitajiet spiritwali tagħha, ix-xogħol tagħha fil-qasam soċjali waħdu jkun biżżejjed biex jiżguralha post fl-istorja. Fi tnax-il sena ta' attività missjunarja fetħet 'il fuq minn 70 ċentru - kull wieħed b'infermerija, skola u knisja - fl-aktar postijiet remoti tal-Afrika, l-Asja u l-Ewropa.

Kienet hi li skopriet l-ewwel mediċina għall-kura tal-lebbra, estrattha miż-żerriegħa ta' pjanta tropikali. Din il-mediċina aktar tard ġiet studjatha u żviluppata aktar fl-Istitut Pasteur f'Pariġi.

Hija ħeġġet l-appostolat ta' Raoul Follereau, li wara li mexa fuq l-passi tagħha u bena fuq il-pedamenti stabbiliti minnha, ġie meqjus bħala l-appostlu tal-lebbrużi.

Matul il-perjodu 1939-41 hija kkonċepiet, ippjanat u ġabet il-frott tal-proġett għal "Belt tal-Lebbrużi" f'Azopte (il-Kosta tal-Avorju). Dan kien ċentru vast, li jkopri medda ta' 200,000 metru kwadru, għall-kura ta' dawk li jbatu bil-lebbra. Għadu anke llum wieħed miċ-ċentri ewlenin tal-Afrika u tad-dinja tax-xorta tiegħu.

Bħala rikonoxximent għal din il-kisba, Franza tat il-Couronne Civique, l-ogħla unur nazzjonali għall-ħidma soċjali, lill-Kongregazzjoni tas-Sorijiet Missjunarji tal-Madonna tal-Appostli, li tagħha Madre Eugenia kienet Superjura Ġenerali mill-1935 sal-1947.

Madre Eugenia reġgħet lura għand il-Missier fl-10 ta' Awwissu 1990.

L-aktar wirt importanti tagħha għalina huwa l-Messaġġ tal-Missier ("Il-Missier ikellem lil uliedu"), l-unika rivelazzjoni privata magħmula personalment minn Alla l-Missier u rikonoxxuta bħala awtentika mill-Knisja wara għaxar snin tal-aktar eżami rigoruż. Aħna sejrin nirriproduċu, fil-bidu tat-test, l-istqarrija maħruġa minn Mons. Alexandre Caillot, Isqof ta' Grenoble, wara l-investigazzjoni.

Ta' min jinnota li l-Missier (fl-1932) iddetta l-Messaġġ lil Madre Eugenia bil-Latin, lingwa totalment mhux magħrufa minnha.

Fl-1981 dan il-Messaġġ ġie skoprit minna, u fl-1982, fil-ħamsin anniversarju tiegħu, ippubblikajnih bit-Taljan.

Il-ħafna mirakli ta' grazzja li irriżultaw mill-Messaġġ wassluna biex inxerrduh *gratis*, speċjalment fil-ħabsijiet, fil-kwartieri u fl-isptarijiet. Minbarra bl-Ingliż, issa insibuh bil-Franċiż, bit-Taljan, l-Ispanjol l-Ġermaniż u lingwi oħra.

Patri Andrea D'Ascanio
OFM Cap.

IT-TESTIMONJANZA TAR-REVERENDU A. CAILLOT,

ISQOF TA' GRENOBLE, WARA R-RAPPORT
IMĦEJJI WAQT L-INKJESTA KANONIKA DWAR IL-KAŻ TA' MADRE EWĠENJA

Għaddew għaxar snin minn meta, bħala Isqof ta' Grenoble, iddeċidejt li niftaħ inkjesta dwar il-każ ta' Madre Eugenia. Issa għandi biżżejjed informazzjoni biex inġib ix-xhieda tiegħi quddiem il-Knisja bħala Isqof.

1. L-ewwel ħaġa li toħroġ b'ċertezza mill-inkjesta hija li l-virtujiet konsiderevoli ta' Madre Eugenia huma stabbiliti sew.

Sa mill-bidu tal-ħajja reliġjuża tagħha, is-soru kienet ġibdet l-attenzjoni tas-superjuri tagħha minħabba d-devozzjoni, l-ubbidjenza u l-umiltà tagħha.

Is-superjuri tagħha, perplessi min-natura straordinarja tal-ġrajjiet li seħħew matul in-novizzjat tagħha, ma ridux iħalluha tibqa' fil-kunvent. Wara pawsa qasira, kienu mġiegħla jabbandunaw il-pjan tagħhom meta raw l-imġiba eżemplari tas-soru.

Matul l-inkjesta, sor Eugenia wriet paċenzja kbira u l-akbar doċilità fis-sottomissjoni mingħajr ilment għat-testijiet mediċi kollha, u wieġbet l-interrogazzjoniet ta' spiss twal u ta' dwejjaq tal-kummissjonijiet teoloġiċi u mediċi, u aċċettat kontradizzjonijiet u provi. Is-sempliċità tagħha, b'mod partikolari, ġiet imfaħħra mill-investigaturi kollha.

Numru ta' ċirkostanzi wrew ukoll li s-soru kapaċi tipprattika l-virtù sa livell erojku. Skont it-Teoloġiċi, karatteristika impressjonanti kienet speċjalment l-ubbidjenza tagħha waqt l-inkjesta ta' Patri Auguste Valencin f'Ġunju 1934, u l-umiltà tagħha fil-jum ta' niket tal-20 ta' Diċembru 1934.

Nista' niddikjara li, waqt li kienet Superjura Ġenerali, sibtha iddedikata ħafna għad-doveri u ix-xogħol tagħha - li żgur deher aktar diffiċli għaliha peress li ma kienitx ippreparata għalih - b'imħabba kbira għall-erwieħ, il-Kongregazzjoni tagħha u l-Knisja. Dawk qrib tagħha intlaqtu, kif kont jien stess, bis-saħħa tal-ispirtu tagħha biex tiffaċċja diffikultajiet.

Ninsab impressjonat mhux biss bil-virtujiet tagħha iżda wkoll bil-kwalitajiet li turi fl-eżerċizzju tal-awtorità tagħha. Impressjonanti wkoll huwa l-fatt li soru relattivament bi ftit edukazzjoni, timla l-ogħla kariga tal-Kongregazzjoni tagħha. F'dan diġà hemm xi ħaġa straordinarja u, minn dan l-att, hija sinifikanti ħafna l-inkjesta mwettqa mill-Vigarju Ġenerali tiegħi, Mons. Guerry, dakinhar tal-elezzjoni tagħha. It-tweġibiet mogħtija mill-membri tal-Kapitlu u mis-superjuri u d-delegati tad-diversi missjonijiet, urew li kienu qed jagħżlu lil Madre Eugenia bħala s-Superjura Ġenerali tagħhom - minkejja iż-żgħożija tagħha u l-ostakli Kanoniċi li normalment kienu jwasslu biex l-idea tan-nomina tagħha tiġi miċħuda - minħabba l-kwalitajiet ta' ġudizzju tagħha, temperament ibbilanċjat, l-enerġija u s-sodezza. Ir-realtà tidher li qabżet bil-bosta t-tamiet li l-eletturi tagħha kellhom fiha.

B'mod speċjali, dak li ndunajt fiha kien l-intelliġenza luċida, vivaċi u penetranti tagħha. Għidt li l-edukazzjoni tagħha ma kienitx adegwata, iżda dan kien għal raġunijiet esterni li fuqhom ma kellha l-ebda kontroll: il-marda twila ta' ommha kienet ġiegħlitha, minn età żgħira ħafna, tieħu ħsieb id-dar u tkun assenti mill-iskola ħafna drabi. Imbagħad, qabel ma daħlet fil-kunvent, kien hemm is-snin iebsin li ħadmet fl-industrija bħala nassaġa. Minkejja dawn il-lakuni bażiċi, li l-konsegwenzi tagħhom huma evidenti fl-istil u l-ortografija tagħha, Madre Eugenia tagħti ħafna lekċers fil-komunità tagħha. Ta' min jinnota li hi stess tiġbor iċ-ċirkularijiet tal-Kongregazzjoni tagħha u l-kuntratti ma' awtoritajiet

muniċipali jew kunsilli amministrattivi rigward l-istituti tal-isptarijiet tal-Madonna tal-Appostli. Hija ġabret ukoll direttorju twil.

Hi tara kull sitwazzjoni b'mod ċar u korrett, bħallikieku kienet kwistjoni ta' kuxjenza. L-istruzzjonijiet tagħha huma sempliċi, preċiżi u prattiċi ħafna. Hi taf lil kull waħda mill-1400 soru tagħha personalment, u wkoll l-attitudnijiet tagħhom u l-virtujiet tagħhom; għalhekk hija kapaċi tagħżel dawk li huma l-aktar kwalifikati biex iwettqu diversi xogħolijiet. Għandha wkoll għarfien preċiż personali tal-ħtiġijiet u r-riżorsi tal-Kongregazzjoni tagħha. Hija taf is-sitwazzjoni f'kull dar u żaret il-missjonijiet kollha tagħha.

Nixtiequ nenfasizzaw ukoll l-ispirtu tagħha ta' vista fit-tul. Hija ħadet il-miżuri kollha meħtieġa biex kull sptar jew skola jkollha sorijiet kwalifikati u dak kollu li għandhom bżonn biex jgħixu u jiżviluppaw. Insibha partikolarment interessanti li ninnota li Madre Eugenia tidher li għandha spirtu ta' deċiżività, sens ta' realtà u rieda kreattiva. F'sitt snin hija waqqfet 67 istitut u kienet kapaċi tintroduċi titjib utli ħafna fil-Kongregazzjoni tagħha.

Jekk insemmi l-kwalitajiet tagħha ta’ intelliġenza, ġudizzju u rieda, u s-setgħat tagħha ta' amministrazzjoni, huwa minħabba li jidhirli li jeskludu definittivament l-ipoteżijiet kollha dwar alluċinazzjonijiet, illużjonijiet, spiritiżmu, isteriżmu jew delirju. Dawn ġew eżaminati matul l-inkjesta iżda wrew li ma setgħux jagħtu spjegazzjoni sodisfaċenti tal-fatti.

Il-ħajja ta' Madre Eugenia hija turija kostanti tal-ekwilibriju mentali u ġenerali tagħha, li, għall-osservatur, jidher li huwa l-karatteristika dominanti tal-personalità tagħha. Ipoteżi oħra, dwar is-suġġestibilità u l-immaniġġjar, wasslu lill-investigaturi biex jistaqsu jekk jistgħux ikunu qed jittrattaw temperament impressjonibbli ħafna, bħal mera b'ħafna uċuħ li tirrifletti l-influwenzi u s-suġġerimenti kollha. Dawn l-ipoteżijiet ġew irrifjutati wkoll għal raġunijiet ta' realtà ta' kuljum. Għalkemm Madre Eugenia hija mogħtija b'natura sensittiva u dispożizzjoni emozzjonali, hija wriet li qatt ma iffavorixxiet lil ħadd u li, 'il bogħod milli tħalli lilha nnifisha tkun influwenzata minn kunsiderazzjonijiet umani, hija dejjem kienet kapaċi tiddetermina l-proġetti u l-attivitajiet tagħha stess u tikseb l-aċċettazzjoni ta' ħaddieħor permezz tal-għarfien personali tagħha.

2. Għan tal-missjoni:

L-għan tal-missjoni li tidher li ġiet fdata lil Madre Eugenia huwa preċiż u, mill-perspettiva duttrinali, naraha leġittima u f'waqtha. L-għan preċiż tiegħu huwa li jagħmel lil Alla l-Missier magħruf u onorat, l-aktar mill-istituzzjoni ta' festa speċjali li tkun intalbet mill-Knisja. L-inkjesta stabbiliet li festa liturġika f'ġieħ il-Missier tkun pjuttost konformi mal-prattika Kattolika kollha kemm hi. Kien jaqbel mal-mod tradizzjonali tat-talb Kattoliku, li jitla' il-fuq lejn il-Missier, permezz tal-Iben, bl-Ispirtu, kif juri t-talb tal-Quddiesa u l-oblazzjoni liturġika lill-Missier waqt is-Sagrifiċċju Mqaddes. Madankollu, huwa stramb li m'hemm l-ebda festa speċjali f'ġieħ il-Missier. It-Trinità hija onorata bħala tali, il-Kelma u l-Ispirtu s-Santu huma onorati mill-missjoni tagħhom u l-manifestazzjonijiet esterni. Il-Missier biss m'għandu l-ebda festa tiegħu li tiġbed l-attenzjoni tal-poplu Nisrani għall-Persuna Tiegħu. Din hija r-raġuni għaliex stħarriġ pjuttost estensiv tal-fidili wera li, fid-diversi klassijiet soċjali u anke fost ħafna saċerdoti u reliġjużi, "il-Missier mhux magħruf, ħadd ma jitlob lilu, ħadd ma jaħseb fih". L-istħarriġ jiżvela, pjuttost sorprendentement, li numru kbir ta 'Nsara jibqgħu 'l bogħod mill-Missier għax jarawh bħala mħallef tal-biża'. Jippreferu jduru lejn l-umanità ta' Kristu. U kemm hawn min jitolbu lil Ġesù biex jipproteġihom mir-rabja tal-Missier!

Għalhekk festa speċjali jkollha l-effett li terġa' tistabbilixxi l-ordni fl-ispiritwalità ta' ħafna Nsara u, it-tieni, li twassalhom lura għall-istruzzjoni tas-Salvatur Divin: "Dak kollu li titlob lill-Missier f'ismi..." u għal darb'oħra "Se titolbu hekk: 'Missierna...'"

Festa liturġika ddedikata lil Alla l-Missier ikollha wkoll l-effett li tgħolli għajnejna lejn dak li l-appostlu San Ġakbu sejjaħlu "Missier id-dawl, li minnu jiġi kull don..." Kienet iderri l-erwieħ biex iqisu t-tjubija ta' Alla u l-providenza bħala missier. Kienu jirrealizzaw li din il-providenza hija tassew dik ta' Alla t-Trinità Qaddisa, u li huwa minħabba n-natura divina Tiegħu, komuni għat-tliet Persuni, li Alla jinfirex fid-dinja t-teżori ineffabbli tal-ħniena infinita Tiegħu.

Jidher, mal-ewwel daqqa t'għajn, bħallikieku ma kienx hemm raġuni speċjali biex il-Missier jiġi onorat b'mod partikolari. Imma ma kienx il-Missier li bagħat lil Ibnu fid-dinja? Jekk huwa dritt suprem li nuru devozzjoni lejn l-Iben u l-Ispirtu s-Santu minħabba l-manifestazzjonijiet esterni tagħhom, ma jkunx tajjeb u xieraq li nroddu ħajr lil Alla l-Missier, kif jitolbu l-Prefazju tal-Quddiesa, għad-don li bagħatilna - Ibnu?

L-għan veru ta' din il-festa speċjali għalhekk isir sempliċi: li nonoraw lill-Missier, nirringrazzjawh, li nfaħħruh talli tana lil Ibnu; f'kelma waħda, kif jgħid il-messaġġ, bħala l-Awtur tal-Fidwa tagħna; nirringrazzjawh li tant ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex il-bnedmin kollha jingħaqdu flimkien fil-Ġisem Mistiku ta' Kristu u, flimkien ma' dan l-Iben, isiru wliedu.

Fi żmien meta d-dinja tinsab f’inkwiet b’duttrini sekulari, l-ateiżmu u l-filosofiji moderni u ma tibqax tagħraf lil Alla, l-Alla veru, festa bħal din ma tfakkarx lill ħafna fuq il-Missier ħaj, il-Missier tal-ħniena u t-tjubija, li Ġesù żvela magħna? Ma tikkontribwixxix għal żieda fin-numru ta' dawk li jaduraw lill-Missier "fl-ispirtu u fil-verità", li għalih irrefera Ġesù? Issa, meta d-dinja qed titkisser bi gwerer fatali, meta tħoss il-ħtieġa li tfittex prinċipju sod ta' għaqda biex tqarreb il-popli lejn xulxin, din il-festa ġġib dawl kbir. Tgħallem lill-bnedmin li kollha għandhom l-istess Missier fis-sema: dak li tahom Ġesù, li lejh jiġbidhom bħala membri tal-Ġisem Mistiku Tiegħu fl-għaqda tal-istess Spirtu ta' Mħabba! Meta tant erwieħ ikunu mxebbghajn u għajjenin mit-tribulazzjonijiet tal-gwerra, jistgħu jkunu bil-għatx għal ħajja spiritwali profonda. Tistax festa bħal din issejħilhom, imbagħad, "minn ġewwa", biex jaduraw lill-Missier li jaħbi lilu nnifsu, u biex joffru lilhom infushom f'oblazzjoni filjali u ġeneruża lill-Missier, l-uniku sors tal-ħajja tat-Trinità Qaddisa fihom? Ma jippreservax dak il-moviment fin tal-ħajja sopranaturali li naturalment jiġbed l-erwieħ lejn tfulija spiritwali u - permezz tal-fiduċja - lejn il-ħajja filjali mal-Missier, lejn l-abbandun għar-rieda divina, lejn spirtu ta’ fidi?

Min-naħa l-oħra, tinħoloq problema ta' duttrina, apparti l-kwistjoni ta' festa speċjali u irrispettivament minn dak li l-Knisja tista' tiddeċiedi dwar din il-kwistjoni. Xi teologi eminenti jemmnu li d-duttrina tar-relazzjoni tar-ruħ mat-Trinità jeħtieġ li tiġi eżaminata aktar fil-fond, u li tista' tkun għall-erwieħ għajn ta' illuminazzjoni fuq il-ħajja tal-għaqda mal-Missier u l-Iben, li dwarha jitkellem San Ġwann, u dwar il-qsim fil-ħajja ta' Ġesù, Iben il-Missier, speċjalment fl-imħabba filjali tiegħu lejn il-Missier.

Iżda, apparti dawn ir-raġunijiet teoloġiċi, dak li nixtieq nenfasizza hawnhekk huwa dan: mara żagħżugħa fqira, mhux versata fit-teoloġija, tiddikjara li qed tirċievi messaġġi mingħand Alla, u dawn jistgħu jkunu rikki ħafna fid-duttrina.

Ix-xogħlijiet ta' viżjonarju immaġinarju huma foqra, vojta u inkonsistenti. Madankollu, il-messaġġ li Madre Eugenia tgħid li l-Missier afdalha huwa fertili. Hemm interazzjoni armonjuża ta' żewġ karatteristiċi differenti li għandha t-tendenza li tikkonferma l-awtentiċità tagħha. Min-naħa waħda, hija ppreżentata bħala xi ħaġa tradizzjonalment miżmuma mill-Knisja, mingħajr ebda innovazzjonijiet suspettużi, għax tirrepeti bla waqfien kif kollox diġà ntqal fir-rivelazzjoni ta' Kristu dwar Missieru, u li kollox jinsab fl-Evanġelju. Iżda min-naħa l-oħra, tiddikjara li din il-verità kbira, dwar l-għarfien tal-Missier, jeħtieġ li tiġi kkunsidrata mill-ġdid, studjatha profondament u esperjenzata.

L-isproporzjon bejn id-dgħufija tal-istrument, li mhux kapaċi jiskopri duttrina ta' din in-natura waħdu, u l-profondità tal-messaġġ li qed jitwassal, ma jiżvelax li kawża superjuri, sopranaturali u divina intervjeniet biex tafda lis-soru b'dan il-messaġġ?

Ma nistax nara kif, wieħed jista' jispjega b'mod uman skoperta ta' idea minn soru, li l-oriġinalità u l-twelid tagħha t-teologi li jmexxu l-inkjesta setgħu biss jifhmu gradwalment.

Fatt ieħor li jidhirli hu ugwalment sinifikanti: meta Sor Eugenia t'għarrfet li kienet qed tirċievi dehriet tal-Missier, it-teologi investigattivi wieġbu li d-dehriet tal-Missier kienu fihom infushom impossibbli u li qatt ma seħħew qabel fl-istorja. Is-soru żammet kontra dawn l-oġġezzjonijiet, u sempliċiment iddikjarat: "Il-Missier qalli biex niddeskrivi dak li rajt. Huwa jitlob lil uliedu, it-teologi, biex ifittxu." Is-soru qatt ma biddlet ix-xhieda tagħha bl-ebda mod. Hija żammet it-testimonjanza l-istess tagħha għal ħafna xhur. Kien biss f'Jannar 1934 li t-teologi skoprew, f'San Tumas t'Akwinu nnifsu, t-tweġiba għall-oġġezzjoni tagħhom. It-tweġiba mogħtija mill-imgħallem il-kbir tal-Knisja dwar id-distinzjoni bejn dehra u ħrafa. It-tweġiba neħħiet l-ostaklu li kien qed jipparalizza l-inkjesta kollha. Sfidata minn teologi għaqlin, is-soru ċkejkna, mingħajr edukazzjoni, wriet li kellha raġun. Kif, umanament, nistgħu nispjegaw, f'dan il-każ ukoll, l-għarfien, l-għerf u l-perseveranza tas-soru? Viżjonarju falz kien jipprova jadatta ruħu għall-ispjegazzjonijiet tat-teologi. Is-soru, madankollu, żammet l-istess verżjonijiet oriġinali tagħha. Dawn huma r-raġunijiet addizzjonali għaliex ix-xhieda tagħha tidher affidabbli.

Fi kwalunkwe każ, insib li ta' min wieħed tajjeb jinnota l-attitudni riżervata tagħha lejn l-aspetti mirakolużi tal-każ. Filwaqt li viżjonarji foloz jagħtu importanza kbira għal fenomeni straordinarji u saħansitra ma jaraw xejn ħlief dawn, Madre Eugenia, għall-kuntrarju, tpoġġihom it-tieni, bħala provi, bħala mezzi. M'hemm l-ebda stat ta' eżaltazzjoni, iżda hemm bilanċ ta' valuri li jagħti impressjoni favorevoli.

Se nirreferi biss fil-qosor għall-inkjesta tat-teologi. Ir-Reverendu Father Albert u Auguste Valencin huma stmati ħafna għall-awtorità filosofika u teoloġika tagħhom, u għall-għarfien profond tagħhom tal-ħajja spiritwali. L-intervent tagħhom kien meħtieġ f'każijiet oħra simili. Aħna nafu li aġixxew b'kawtela kbira, u huwa għalhekk li għażilnihom għal dan ix-xogħol.

Aħna grati għall-kollaborazzjoni devota u kuxjenzjuża tagħhom. Ix-xhieda tagħhom ġiet favur is-soru u il-fatti kollha kemm huma ġew spjegati bħala sopranaturali. Dan kien aktar konfermattiv hekk kif ittardjaw il-ġudizzju tagħhom għal żmien twil, billi għall-ewwel kienu ostili u xettiċi, u mbagħad eżitanti. Ftit ftit, saru konvinti, wara li qajmu kull tip ta' oġġezzjoni u imponew testijiet iebsa fuq is-soru.

## KONKLUŻJONIJIET

Wara is-smajt lil ruħi u l-kuxjenza tiegħi, u bl-aktar sens ħerqan tar-responsabbiltà tiegħi lejn il-Knisja, niddikjara li intervent sopranaturali u divin jidhirli hu l-unika spjegazzjoni loġika u sodisfaċenti tal-fatti.

Iżolat mill-karatteristiċi kollha tal-madwar il-każ, dan il-fatt essenzjali jidhirli li huwa nobbli, kbir u sopranaturali għani: li soru umli sejħet l-erwieħ għal devozzjoni vera lejn il-Missier, bħal ma Ġesù għallem u li il-Knisja naqqxet fil-liturġija tagħha. M'hemm xejn allarmanti f'dan, imma li hija xi ħaġa sempliċi ħafna u skont duttrina solida.

Il-fatti mirakolużi li jakkumpanjaw dan il-messaġġ jistgħu jiġu separati mill-avveniment ewlieni u l-valur tiegħu xorta jibqa' ppreservat fl-kontenut kollu tiegħu. Għal raġunijiet duttrinali, il-Knisja sejra tiddikjara jekk l-idea ta' festa speċjali tistax titqies separatament minn dan il-każ partikolari li jinvolvi lis-soru.

Nemmen li l-prova fundamentali tal-awtentiċità tal-missjoni tas-soru tintwera bil-mod kif tpoġġi fil-prattika f'ħajjitha d-duttrina sabiħa li apparentement kienet destinata li tfakkarna fiha.

Inqis li huwa xieraq li nħalliha tkompli bil-ħidma tagħha. Nemmen li l-id ta' Alla tinsab f'dan kollu. Wara għaxar snin ta' riċerka, riflessjoni u talb, inbierek lill-Missier talli għażel id-djoċesi tiegħi bħala l-post għal dawn il-manifestazzjonijiet ta’ mħabba Tiegħu.

Alexandre Caillot
(Isqof ta' Grenoble. Matul id-dehriet)

## IL-MESSAĠĠ TAL-MISSIER

L-1 Parti

L-1 ta' Lulju, 1932: Il-Festa tad-Demm Prezzjuż ta' Sidna Ġesù Kristu.

Hawnhekk, fl-aħħar, huwa l-jum, imbierek għal dejjem, il-jum li fih wiegħed il-Missier tas-sema!
Illum, il-ġranet twal ta' tħejjija għaddew, u nħossni qrib, tant qrib, tal-miġja ta' Missieri u ta' Missier il-bnedmin kollha.
Ftit minuti ta' talb, u allura x'ferħ spiritwali! Kont maħkuma mix-xewqa li narah u nisimgħu!
Qalbi, taħraq bl-imħabba, infetħet b'kunfidenza tant kbira, li irrealizzajt li, sa dak iż-żmien, qatt ma kont fdajt daqshekk ma' ħadd.
Il-ħsieb ta' Missieri għamilni, kuntenta tal-ġenn.
Fl-aħħar bdejt nisma' l-kant. L-anġli ġew iħabbru din il-wasla ta’ ferħ! Il-kant tagħhom tant kien sbieħ li iddeċidejt li ninnotahom kemm jista' jkun malajr.
Din l-armonija waqfet u mbagħad ġiet purċissjoni tal-elett, iċ-Ċerubim u s-Seraphim, ma' Alla, il-Ħallieq tagħna u Missierna.
Intfajt il-quddiem b’wiċċi mal-art, mgħarqa fix-xejn tiegħi stess, għidt il-Magnificat. Immedjatament wara, il-Missier qalli biex noqgħod qrib tiegħu u nikteb dak li kien iddeċieda li jgħid lill-bnedmin.
Il-korteo sħiħ tas-sema li kienet akkumpanjatu, għebet f’daqqa. Il-Missier biss baqa' miegħi u, qabel ma qagħad bilqiegħda, qalli:

*“Diġà għidtlek u issa nerġa' ngħidha: ma nistax nagħti lil Ibni l-għażiż għal darb’oħra biex nipprova l-imħabba Tiegħi għall-bnedmin! Issa ġej jien fosthom sabiex inħobbhom u nagħrrafhom b’din l-imħabba, filwaqt li nikkunsidra x-xbieha tagħhom, il-faqar tagħhom. Ara, issa qed inwarrab il-kuruna u l-glorja kollha Tiegħi biex nieħu d-dehra ta' raġel ordinarju!”*

Wara li ħa d-dehra ta' raġel ordinarju billi poġġa l-kuruna Tiegħu u l-glorja Tiegħu ħdejn riġlejh, Huwa ħa l-globu tad-dinja u żammu fejn Qalbu b'Idu tax-xellug. Imbagħad poġġa ħdejja. Ftit kliem biss nista’ ngħid dwar il-wasla Tiegħu u dwar id-dehra umli li assuma, u dwar l-imħabba Tiegħu! Fl-injoranza tiegħi m'għandix kliem biex nesprimi dak li żvelali. Huwa qal:

*“Paċi u salvazzjoni lil din id-dar u lid-dinja kollha! Jalla l-qawwa tiegħi, l-imħabba tiegħi u l-Ispirtu Qaddis Tiegħi jmissu l-qlub tal-bnedmin, biex l-umanità kollha iddur għas-salvazzjoni u tasal għand Missierha, li jfittixha, biex iħobbha u jsalvaha! Ħalli l-Vigarju Tiegħi Piju XI jifhem li dawn huma jiem ta' salvazzjoni u barka. Nittama li ma jitlifx li jieħu din l-opportunità biex isejjaħ l-attenzjoni tat-tfal għal Missierhom, li ġej biex jgħinhom f'din il-ħajja u biex iħejjilhom għal hena ta' dejjem.*
*Għażilt dan il-jum biex nibda l-ħidma tiegħi fost il-bnedmin, għax illum hija l-festa tad-Demm Prezzjuż ta' Ibni Ġesù. Għandi l-ħsieb li naħsel f'dan id-Demm ix-xogħol li qed nibda, biex ikun jista' jagħti frott kbir fost l-umanità kollha.*

*Dan huwa l-iskop veru tal-wasla tiegħi:*
*L-ewwel : Ġejt biex inneħħi l-biża' eċċessiva li l-kreaturi Tiegħi għandhom Minni, u nurihom li l-ferħ tiegħi jinsab fl-inkun magħruf u maħbub minn uliedi, jiġifieri, mill-umanità, tal-preżent u tal-futur kollu.*

*It-Tieni : Ġejt biex inwassal it-tama lil-umanità'u n-nazzjonijiet. Kemm ilhom li tilfuha! Din it-tama tagħmilhom jgħixu fil-paċi u s-sigurtà, jaħdmu għas-salvazzjoni tagħhom.*

*It-Tielet : Ġejt biex nagħmel lili nnifsi magħruf bħalma veru minn jien, sabiex il-fiduċja tal-bnedmin tiżdied flimkien mal-imħabba tagħhom għalija, Missierhom. Għandi imma għan wieħed: li nindokra l-umanità' kollha u nħobbhom bħala wliedi.*

*Il-pittur jieħu pjaċir jikkontempla l-istampa li pinġa. Bl-istess mod, huwa l-gost u l-pjaċir tiegħi li niġi fost il-bnedmin, il-kapulavur tal-ħolqien Tiegħi!*
*Il-ħin qed jagħfas. Nixtieq li l-bnedmin ikunu jafu kemm jista' jkun malajr, li nħobbhom u li nħoss l-akbar hena meta nkun u nitkellem magħhom, bħal missier ma' wliedu.*

*Jiena huwa dak Etern, u meta kont waħdi, kont diġà ħsibt li nuża l-qawwa kollha Tiegħi biex noħloq ħlejjaq fl-immaġni tiegħi. Iżda l-ħolqien materjali kellu jiġi l-ewwel, sabiex dawn il-ħlejjaq ikunu jistgħu jsibu l-mezzi tagħhom biex isostnu lilhom infushom; kien imbagħad li ħloqt id-dinja. Imlejtha bl-affarijiet kollha li kont naf li se jkunu meħtieġa għall-umanità` : l-arja, ix-xemx, ix-xita, u ħafna affarijiet oħra li kont naf li huma meħtieġa għal ħajjithom.*

*Fl-aħħar, inħoloq il-bniedem! Ħadt pjaċir bix-xogħol ta' idejja. Il-bniedem jidneb, iżda huwa preċiżament hemmhekk fejn il-ġenerożità infinita tiegħi turi lilha nfisha.*
*Fit-Testment il-Qadim, ħloqt u għażilt profeti biex jgħixu fost il-bnedmin. Lilhom għidt ix-xewqat tiegħi, in-niket tiegħi u l-ferħ tiegħi, sabiex ikunu jistgħu jikkomunikawhom lil kulħadd.*

*Aktar ma kiber il-ħażen, aktar it-tjubija Tiegħi ħeġġitni biex nikkomunika b'erwieħ ġusti sabiex ikunu jistgħu jittrasmettu l-ordnijiet Tiegħi lil dawk li kienu qed joħolqu diżordni. Għalhekk, ġieli kont obbligat li nkun strett sabiex nerġa' nwiddibhom; mhux biex nikkastighom - dak kien jagħmel ħsara biss – imma biex jeħduhom lill-hinn mil-immoralita' u jwassluhom lejn Missierhom u il-Ħallieq tagħhom, li kienu nsew u injoraw fl-ingratitudni tagħhom. Aktar tard, il-ħażen ħakem il-qlub tal-bniedem, tant li ġejt imġiegħel nibgħat kalamitajiet fuq id-dinja biex jippurifika lill-bnedmin permezz tat-tbatija, il-qerda ta' dak li jippossedu, jew saħansitra l-mewt tagħhom. Dawn kienu d-Dulluvju, il-qerda ta 'Sodom u Gomorrah, gwerer tal-bniedem kontra l-bniedem, eċċ*
*Dejjem xtaqt nibqa' f'din id-dinja fost il-bniedem. Allura, matul id-Dulluvju, kont qrib Noah, l-uniku bniedem ġust dak iż-żmien. Fil-kalamitajiet l-oħra, ukoll dejjem sibt bniedem ġust li miegħu stajt nibqa' u, permezz tiegħu, għext fost l-bnedmin ta' dak iż-żmien, u dejjem kien hekk.*
*Id-dinja spiss ġiet ippurifikata mill-korruzzjoni tagħha minħabba t-tjubija infinita Tiegħi lejn l-umanità. Komplejt nagħżel ċerti erwieħ li fihom ħadt pjaċir, għax permezz tagħhom stajt inkun*

*kuntent bil-kreaturi tiegħi, il-bniedem. Wegħedt lid-dinja Messija. Għamilt dak kollu li stajt nipprepara l-miġja tiegħu, u nuri lili nnifsi fil-figuri li rrappreżentawh, anke eluf ta 'snin qabel il-miġja tiegħu!*

*Għax min hu dan il-Messija? Meta se Jiġi? X'se jagħmel fid-dinja? Lil min jirrappreżenta?*
*Il-Messija huwa Alla.*

*Min hu Alla?*
*Alla hu l-Missier, l-Iben u l-Ispirtu s-Santu.*

*Meta se Jiġi? Jew aħjar, min ordnalu jiġi fost il-bnedmin?*
*Kont jien, Missieru, Alla.*

*Lill min jirrappreżenta fid-dinja?*
*L-Missieru, Alla.*

*X'irid jagħmel fid-dinja?*
*Hu jagħmel il-Missier, Alla, magħruf u maħbub.*

*Hu ma qalx:*
*"Ma tafx li ġejt għall-affari ta' Missieri?"*
*("Nesciebatis quia in his quae Patris mei sunt oportet me esse?" San Luqa, kap. 2, v. 49).*
*"Ġejt biss biex nagħmel ir-rieda ta' Missieri."*
*"Dak kollu li titlob lill-Missier f'ismi, Hu jagħtik."*
*"Intom titolbuh hekk: 'Missierna, li Inti fis-smewwiet...',*

*u f’istanti oħra, talli ġie biex jigglorifika lill-Missier u biex jagħrfu lill-bnedmin, Hu jgħid:*
*"Min jarani, jara l-Missier."*
*"Jiena fil-Missier u l-Missier qiegħed fija."*
*"Ħadd ma jiġi għand il-Missier ħlief permezz tiegħi" ("Nemo venit ad Patrem nisi per me" San Ġwann, kap. 14, v. 6)*
*"Min hu miegħi huwa wkoll ma' Missieri", eċċ.?*

*Allura Irrealizza, o bniedem, li għall-eternità kollha kelli imma xewqa waħda, li nagħmel lili nnifsi magħruf mill-bnedmin u nkun maħbub minnhom. Nixtieq nibqa' dejjem magħhom.*
*Trid prova awtentika ta' din ix-xewqa li għadni kif esprimejt?*
*Għaliex ikkmandajt lil Mosè biex jibni tabernaklu u l-arka tal-patt, jekk mhux biex niġi u ngħammar, bħala Missier, bħal wieħed mil-aħwa, ħabib tal-qalb, mal-kreaturi tiegħi, il-bniedem? Din kienet ix-xewqa kbira tiegħi. Minkejja dan, insewni u offendewni b'għadd kbir ta' dnubiet. Tajt lil Mosè Il-Kmandamenti Tiegħi biex infakkarhom, minkejja kollox, f'Alla, Missierhom, u tax-xewqa unika Tiegħu, li jsalvahom. Kellhom josservaw il-Kmandamenti u b'hekk jiftakru f'Missierhom li Hu infinitament tajjeb, dejjem bl-intenzjoni fuq is-salvazzjoni preżenti u eterna tagħhom.*

*Dan kollu kien minsi u l-bniedem għereq fl-iżball u l-biża', ħassew li l-osservanza tal-Kmandamenti kif kont trasmettejthom lil Mosè kienu wisq iebsin. Huma għamlu liġijiet oħra skont kif dehrilhom, sabiex josservawhom b'mod aktar faċli. Ftit ftit, fil-biża' esaġerata li kellhom minni, insewni dejjem aktar u aktar u akkumulaw għemil ħażin u atti offensivi kontrija.*

*Madankollu l-imħabba tiegħi lejn dawn l-bnedmin, Uliedi, qatt ma waqfet. Meta rrealizzajt li la l-patrijarki u lanqas il-profeti ma kienu kapaċi jagħmluni magħruf u maħbub mill-bnedmin, iddeċidejt li niġi Jien stess.*

*Imma kif nista' niġi fosthom? Ma kien hemm l-ebda mod ieħor ħlief li niġi Jien stess, fit-tieni Persuna tad-divinità Tiegħi.*
*L-bnedmin isiru jafuni? Jibdew jisimgħuni?*
*Xejn fil-futur ma kien moħbi minni; Jien stess weġibt dawn iż-żewġ mistoqsijiet:*
*"Se jinjoraw il-preżenza tiegħi, avolja se jkunu ħdejja. F'Ibni se jittrattawni b'mod krudili, minkejja l-ġid kollu li se jagħmel għalihom. F'Ibni se jitkellmu bi kliem li jweġġani, se jsallbuni biex iġibu il-mewt tiegħi."*
*Għandi nieqaf minħabba dan? Le, L-imħabba tiegħi għal uliedi, l-bniedem, hija kbira wisq.*
*Ma waqaftx hemm. Ifhem sew li ħabbejtkhom, b'ħalli kieku, aktar minn ibni l-maħbub, jew aħjar, aktar minni nnifsi.*
*Dak li qed ngħidlek huwa tant veru li, jekk waħda mill-kreaturi Tiegħi kienet biżżejjed biex tpatti għad-dnubiet tal-bnedmin l-oħra permezz ta' ħajja u mewt simili għal dik ta' Ibni, kont noqgħod lura. Għaliex? Għax kont nittradixxi l-imħabba Tiegħi billi nagħmel kreatura maħbuba tbati, flok li nbati Jien stess, f'Ibni. Qatt ma kelli ix-xewqa li wliedi jbatu.*
*Din, mela, fil-qosor, hija l-istorja tal-imħabba Tiegħi sa' qabel il-miġja fost il-bnedmin permezz ta' Ibni.*
*Ħafna bnedmin jafu b'dawn l-avvenimenti kollha, iżda jonqsu milli jintebħu bil-ħaġa essenzjali: li: l-imħabba kienet il-prinċipju li iggwida dan kollu!*
*Iva, hija l-imħabba. Dan huwa dak li rrid nesiġi lilek. Issa din l-imħabba ġiet minsija. Irrid infakkarkom fiha, sabiex tkunu tistgħu tkunu tafuni kif jien, hekk li ma tkunux, bħall-iskjavi, tibżgħu' minn Missier li tant iħobbkhom.*
*Taraw, f'din l-istorja aħna biss fl-ewwel jum tal-ewwel seklu, u jien irrid inġib kollox sal-lum, is-seklu għoxrin.*
*Oh, kif l-imħabba tiegħi ta' missier ġiet minsija mill-bniedem! Madankollu nħobbokhom b'daqshekk tenerezza!*
*F'Ibni, jiġifieri fit-Tieni persuna Tieghi magħmul bniedem, x'm'għamiltx! Id-Divinità hija moħbija f'din il-persuna umana, mċekkna, fqira, umiljata. Ma' ibni Ġesù Jien għaddejt ħajja ta' sagrifiċċju u xogħol. Wasalli it-talb Tiegħu, li l-bniedem jista' jkollu triq indikata b'mod ċar li matulha jimxi dejjem fil-ġustizzja, sabiex jasal Għandi fiż-żgur!*
*U żgur, Jien nista' nifhem id-djufijiet ta' wliedi! Għalhekk, ġelt l-Ibni biex itihom il-mezzi biex jerġgħu jqumu wara li jkunu waqgħu. Dawn il-mezzi jgħinhom jippurifikaw lilhom infushom minn dnubiethom, sabiex ikun għadhom jistgħu ikunu ulied l-imħabba tiegħi. Huma, prinċipalment, is-seba' Sagramenti. U l-akbar mezzi biex tassigura s-salvazzjoni tgħakhom,*

*minkejja l-waqgħat, huwa bis-Salib, demm t'Ibni mxerred fuqkhom kull mument, jew, jekk aħjar, kemm fis-Sagrament tal-Penitenza u kemm fis-Sagrifiċċju Mqaddes tal-quddiesa.*

*Għeżież uliedi, jiena tajtkom ammonti ġenerużi minn dawn ir-rigali bi grazzji speċjali għal għoxrin seklu, imma b'liema riżultati miżerabbli!*
*Klemm mill-kreaturi Tiegħi, li saru wlied l-imħabba Tiegħi permezz ta' Ibni, malajr tefgħu lilhom infushom fl-abbiss etern! Tassew, ma kinux jafu it-tjubija infinita tiegħi; Inħobbkom tant! (Espressjoni favorita ta' Madre Eugenia, ripetuta spiss fl-iskritt)*
*Intom, ta' l-anqas, li tafu li jien stess ġejt biex inkellimkom, sabiex nagħmilkom konxji mill-imħabba tiegħi, għall-ġid tagħkom, tarmux lilkom infuskom minn fuq il-preċipizju. Jien Missierkom!*
*Huwa possibbli li, wara li sejjħuli Missier u wara li tkunu wrejtu l-imħabba tagħkom għalijja, tistgħu issibu Fija qalb daqshekk iebsa u insensittiva li tħallikom tintilfu? Le*
*le, temmnuhiex! Jien l-aqwa fost il-missirijiet! Naf id-dgħufijiet tal-kreaturi tiegħi! Ejjew għandi, ejjew b'kunfidenza u mħabba! Se naħfrilkom wara li tkunu ndimtu. Anke jekk dnubietkom kienu repulsivi daqs it-tajn, il-kunfidenza f'hija u l-imħabba tagħkom lejja se ġġegħelni ninsihom, allura ma tiġux iġġudikati! Jien ġust, huwa veru, imma l-imħabba tħallas għal kollox!*
*Isimgħu, uliedi, ejjew nagħmlu paragun, u tkunu assigurati minn imħabbti. Għalija, id-dnubiet tagħkhom huma bħall-ħadid, u l-atti ta' mħabba tagħkom bħad-deheb. Jekk ittuni elf lira (€1,143) ħadid, ma jkunx bħalli kieku tkunu tagħtuni biss għaxar liri (€11) deheb! Fi kliem ieħor, bi ftit imħabba, tista' tpatti għal nuqqasijiet kbar.*
*Dan, allura, huwa mod wieħed ħafif ħafna kif wieħed għandu iħares lejn il-ġudizzju tiegħi ma' wliedi, il-bnedmin, kollha kemm huma mingħajr eċċezzjoni. Tridu tiġu għandi. Jien tant qrib tagħkom! Tridu tħobbuni u tonorawni biex ma tiġux iġġudikati, jew aħjar, li tkunu iġġudikati b'imħabba infinitament ħanina.*
*Tiddubitawx! Kieku Qalbi ma kinitx hekk, kont neqred id-dinja kull darba li tikkommetti dnub! Imma kif rajtu, f'kull moment, il-protezzjoni Tiegħi timmanifesta ruħha permezz ta' grazzji u benefiċċji. Tista' tikkonkludu minn dan li hemm Missier li huwa aktar mill-missirijiet kollha, li jħobbokhom u li ma jieqaf qatt iħobbokom, jekk tixtiequ.*

*JIen niġi fostkom b'żewġ modi: is-Salib u l-Ewkaristija!*
*Is-Salib huwa l-mod kif ninżel fost it-tfal tiegħi, peress li permezz tiegħu li ġiegħelt lil Ibni biex jifdikom. U għalikom, is-Salib huwa il-mod biex titilgħu għal Ibni, u minn Ibni għalija. Mingħajr is-salib, qatt ma stajtu tiġu għandi, għax il-bniedem, bid-dnub, ġab fuqu nnifsu l-kastig tas-separazzjoni minn Alla.*
*Fl-Ewkaristija ngħix fostkom bħala Missier mal-familja tiegħu. Xtaqt li Ibni jistabilixxi l-Ewkaristija sabiex kull tabernaklu isir il-font ta' favuri, rikkezzi, u imħabba tiegħi, biex nagħtihom lill-bniedem, lil uliedi.*
*Huwa dejjem b'dawn iż-żewġ modi kif nikkaġuna kemm il-qawwa Tiegħi kif ukoll il-ħniena infinita Tiegħi tinżel bla waqfien fuqkom.*
*... Issa li wrejtek li Ibni Ġesù jirrappreżentani fost il-bnedmin, u li, permezz tiegħu, ngħix kontinwament fosthom, irrid ukoll nurikom li jien niġi fostkom permezz tal-Ispirtu Qaddis Tiegħi.*

*Il-ħidma ta' din it-tielet Persuna tad-divinità Tiegħi ssir fis-skiet u ħafna drabi l-bniedem anqas jittendi biha. Imma għalija huwa mod xieraq ħafna kif ngħix, mhux biss fit-tabernaklu, imma wkoll fir-ruħ ta' dawk kollha li jinsabu fil-grazzja, biex nistabbilixxi t-tron Tiegħi fihom u ngħix hemm dejjem, bħala Missier li tassew iħobb, jipproteġi u jgħin lil uliedu. Ħadd għadu ma fehem ix-xewqa infinita tal-Qalb divina u paterna Tiegħi li tkun magħrufa, maħbuba u onorata mill-bnedmin kollha, kemm mill-ġusti u mill-midinbin. Dawn huma l-tliet rigali li nixtieq nirċievi f'ġieħ il-bniedem, biex inkun dejjem ħanin u twajjeb anke lejn l-aktar midinbin iebsa.*

*X’m'għamiltx għall-poplu Tiegħi, minn Adam sa’ Ġużeppi, il-missier adottiv ta' Ġesù, u minn żmien Ġużeppi sal-lum, sabiex il-bniedem jagħtini l-unur speċjali dovut lili bħala Missieru, Ħallieq u Salvatur! Madankollu, għadni ma rċevejtx din il-venerazzjoni speċjali li tant ittamajt għaliha u li nixtieq ħafna!*

*Fil-ktieb tal-Eżodu taqra li Alla għandu jinżamm f'venerazzjoni speċjali. Is-Salmi ta' David, speċjalment, fihom dan it-tagħlim. Fil-kmandamenti li Jien stess tajt lil Mosè, enfasizzajt: "Int se tqim u tħobb perfettament Alla wieħed biss."*

*Mela allura, l-imħabba u l-unur huma żewġ affarijiet li jmorru flimkien. Kif xħett tant benefiċċji fuqkom, hekk ukoll irrid inkun onorat minnkom b'mod speċjali ħafna!*

*Meta tagħjtkom il-ħajja, xtaqt noħloqkom fl-immaġni tiegħi! Għalhekk, qalbkom hija bħal Tiegħi sensittiva, u Tiegħi bħala tagħkom!*

*X'ma tagħmilx jekk wieħed mill-ġirien tiegħek jagħmillek favur żgħir biex jogħġbok? L-iktar bniedem insensittiv ikun grat lejn persuna bħal din għal dejjem. Kullħadd jipprova jsib xi ħaġa li sejra togħġbok ħafna, b’rikumpens għas-servizz li ingħata. Tassew ngħidilkom, inkun ħafna aktar grat lejkom minn hekk, nassiguralkom il-ħajja eterna, jekk intom tagħmluli l-favur żgħir li tonorani kif qed nitlob.*

*Nagħraf li tonorawni f'Ibni u li hemm min hu kapaċi li joffri kollox lili permezz ta' Ibni, imma huma ftit tabilħaqq! Taħsbux imma, li, meta tonoraw lil Ibni m'intomx qed tonorawni! Ċertament, tkunu qed tonorawni wkoll, għax jien ngħix f'Ibni! Għalhekk, dak kollu li hu għall-glorja Tiegħu huwa wkoll għal glorja Tiegħi!*

*Imma nixtieq nara lill-bniedem jonora lil Missieru u l-Ħallieq tiegħu b’devozzjoni speċjali. Aktar ma tonoraw lili, aktar tkunu qed tonoraw lil Ibni, peress li, Huwa sar il-Kelma Inkarnata u ġie fostkom skond ir-rieda Tiegħi, biex jagħmel magħruf lilkom lil Dak li bagħtu.*

*Jekk issiru tafuni, tkunu qed tħobbu lili u lil Ibni l-għażiż aktar milli tagħmlu issa. Araw kemm mill-kreaturi tiegħi, li saru wliedi permezz tal-misteru tal-Fidwa, mhumiex fil-mergħat li ħejjejt għall-bnedmin kollha permezz ta’ Ibni. U kemm oħrajn, u intom tafu, li għadhom ma jafux bl-eżistenza ta' dawn il-mergħat. U kemm kreaturi ta' Idejja, li l-eżistenza tagħhom naf biha Jiena biss, l-anqas jafu l-Id Li sawrithom!*

*O, kemm nixtieq ingħarrafkom x'Missier li jista' kollox jien għalikom u għal dawk il-kreaturi, permezz tal-benefiċċji Tiegħi! Nixtieq li ħajjithom issir aktar ħelwa permezz tal-liġi tiegħi. Nixtieqek tmur għandhom u tkellimhom f’Ismi. Iva, għidilhom li għandhom Missier li, wara li ħalaqhom, irid jagħtihom it-teżori li għandu. Fuq kollox, għidilhom li naħseb fuqhom, li nħobbhom u li nixtieq nagħtihom il-ferħ etern. O, inwiegħdek, li l-konverżjoni tal-bniedem tiġi qabel.*

*Emmnuni, kieku bdejtu tonorawni b'devozzjoni speċjali minn-żminijiet il-Knisja tal-bidu, wara għoxrin seklu ftit kienu jkunu dawk il-bnedmin li baqgħu jgħixu fl-idolatrija, fil-paganiżmu u f'tant setet foloz u ħżiena, li bihom il-bniedem qed jiġri b'għajnen magħluqa lejn l-abbiss tan-nar etern! U ara kemm għad fadal xogħol xi jsir!*

*Waslet is-siegħa tiegħi! Irrid inkun magħruf, maħbub u onorat mill-bniedem, sabiex, wara li ħloqthom, nista' nkun Missierhom, imbagħad is-Salvatur tagħhom u fl-aħħar il-mira lejn l-għaxqa eterna tagħhom.*

*S'issa tkellimt dwar affarijiet li diġà kontu tafu. Xtaqt infakkarkom f'ijhom sabiex tkunu dejjem aktar konvinti li jien Missier tajjeb ħafna, mhux wieħed li jbeżża', kif taħsbu; u wkoll li jiena l-Missier ta' dawk kollha li qed jgħixu issa u ta' dawk li se noħloq sal-aħħar tad-dinja.*

*Kunu afu wkoll, li nixtieq inkun magħruf, maħbub u, fuq kollox, onorat. J'Alla kulħadd jagħraf it-tjubija infinita tiegħi lejn il-bnedmin kollha, u speċjalment lejn midinbin, il-morda, dawk li qed imutu, u dawk kollha li qed isofru. Għidilhom li rrid ħaġa waħda biss: li nħobbhom kollha, li nagħtihom il-grazzja tiegħi, li naħfrilhom meta jindmu u, fuq kollox, li niġġudikahom mhux bil-ġustizzja Tiegħi imma bil-ħniena Tiegħi, biex kulħadd jiġi salvat u jkunu fost il-magħżulin Tiegħi.*

*Biex nikkonkludi dan ir-rakkont qasir, nagħmlek wegħda li se jkollha effett etern. Dan huwa: sejħuli bl-isem ta' Missier, b'kunfidenza u mħabba, u inthom tirċievu kollox minn dan il-Missier, bl-imħabba u l-ħniena.*

*Nixtieq li Ibni, il-missier spiritwali tagħ9kom, ikun jista' jaħdem għall-glorja Tiegħi u jistabbilixxi, sentenza b'sentenza, dak li ddettajtlek, sabiex il-bniedmin isibuha pjaċevoli u faċli biex jaqraw rendikont ta' dak li nixtieqhom ikunu jafu, mingħajr ebda żidiet.*

*Jum wara jum se nkellmek dwar ix-xewqat tiegħi għall-bnedmin, dwar il-ferħ tiegħi, id-dulur Tiegħi, u fuq kollox, se nuri lill-bnedmin it-tjubija infinita Tiegħi u l-imħabba tenera u kompassjonali.*

*Nixtieq ukoll li s-superjuri tiegħek jippermettulek tqatta' l-ħin liberu tiegħek miegħi, ħalli tkun tista' tikkonslani u tħobbni għal nofs siegħa kuljum. B'hekk int se t'assigura li l-qlub tal-bnedmin, qalb uliedi, tkun disponibbli biex jaħdmu għat-tixrid ta' din id-devozzjoni li għadni kif żvelajtlek, sabiex tkun tista' tikseb fiduċja kbira f'dan il-Missier li jrid ikun maħbub minn uliedu.*

*Sabiex din il-ħidma tkun tista' tiġi estiża fost in-nazzjonijiet kollha malajr kemm jista' jkun possibbli, mingħajr ma dawk fdati bil-propagazzjoni tagħha jitħallew iwettqu l-iċken att imprudenti, nitolbok tqatta' l-ġranet tiegħek fi spirtu li toqgħod tiftakar. Sejra tkun kuntenta li ma titkellimx ħafna ma' ħaddieħor. F'qalbek, anke meta tkun fosthom, int sejra tkellimni u tismagħni.*

*Dan huwa dak li nixtieqek tagħmel ukoll: meta kultant nitkellem miegħek, sejra tikteb dak li nistqar miegħek f'djarju żgħir speċjali. Iżda permezz tiegħu beħsiebni nitkellem ma' kulħadd: jien ngħix magħhom b'mod aktar intimu minn omm ma' wliedha.*

*Sa mill-ħolqien tal-bniedem, qatt għal mument wieħed ma waqaft ngħix ħdejh. Bħala il-Ħallieq tiegħu u Missieru, inħoss il-ħtieġa li nħobbu. Mhux li għandi bżonnu, imma L-imħabba tiegħi, bħala Missier u Ħallieq, iġegħelni nħoss din il-ħtieġa li nħobb lill-bniedem. Għalhekk ngħix qrib il-bniedem, nimxi warajh kullimkien, ngħinu f'kollox, nissupplixxi kollox. Nista' nara l-bżonnijiet tiegħu, it-tbatija fix-xogħol tiegħu, ix-xewqat kollha tiegħu, u l-akbar hena Tiegħi tinsab waqt li ngħinu u nsalvah.*

*Il-bnedmin jaħseb li jien Alla li għandek tibiża' minnhu, li se jitfa' lill-umanità kollha fl-infern. X'sorpriża kbira sejra tkun meta, fl-aħħar taż-żmien, tant erwieħ li ħasbu li kienu mitlufin, jarawhom igawdu l-hena eterna fost il-magħżulin!*
*Nixtieq li l-kreaturi kollha Tiegħi jkunu konvinti li hemm Missier li jħares fuqhom u li jixtieqhom igawdu fid-dinja, ftit togħma mil-hena eterna.*
*L-omm qatt ma tinsa l-kreatura żgħira li ġabet fid-dinja. Mhux saħansitra aktar isbaħ li Jien niftakar il-kreaturi kollha tiegħi?*
*Mela, jekk omm tħobb liċ-ċkejkna tarbija li tajtha, Jiena inħobbha aktar minnha, għax Jien ħloqtha. Anke jekk jiġri li omm tħobb inqas lit-tarbija tagħha għax għandha xi difett, Jien, għall-kuntrarju, inħobbha aktar. Aktar il-quddiem tista' tinsa lil dan il-wild jew taħseb fih rarament, speċjalment li minħabba l-età tiegħu, m'għadiex tieħu hsiebu hi, imma Jien qatt ma ninsieh. Jien dejjem inħobbu, u anke jekk ma jibqax jiftakar fija, Missieru u Ħallieq, Jien nibqa niftakar fih u nħobbu.*
*JIen diġà għidtilkom li nixtieqkom tgawdu l-hena eterna anke hawn, fid-dinja, imma xorta ma fhimtux it-tifsira reali ta' dak li għidt li huwa dan:*
*Jekk tħobbuni u ssejjħuli bl-isem ħelu ta' Missier, tibdew tgħixu, hawn u minn issa, fl-imħabba u l-fiduċja li tagħmilkom kuntenti fl-eternità u li sejrin tkantaw fis-sema fil-kumpanija tal-magħżulin. Din mhix toma ċkejkna ta' l-hena tas-sema, li sejrha iddum għal dejjem?*
*Għalhekk nixtieq li l-bniedem għandu dejjem jiftakar li spiss Jiena nkun hemm, ħdejħ, u li ma jitax jgħix kieku ma kontx miegħu, biex jgħix. Minkejja n-nuqqas ta' twemmin tiegħu, jien dejjem nibqa qrib tiegħu.*
*O, kemm nixtieq nara dan il-pjan tiegħi realizzat! S'issa l-bniedem qatt ma ħaseb biex jagħti lil Alla, lil Missieru, il-pjaċir li se nitkellem dwaru: nixtieq nara fiduċja kbira stabbilita bejn il-bniedem u Missieru tas-smewwiet, spirtu veru ta' familjarità u delikatezza fl-istess ħin, sabiex ma jitteħidx vantaġġ abbussiv mit-tjubija kbira Tiegħi.*
*Naf il-bżonnijiet tagħkom, ix-xewqat tagħkom, u dak kollu f'qalbkom. Imma kemm inkun kuntent u grat jekk narakom ġejjin għandi sabiex titolbu l-bżonnijiet tagħkom, bħal iben li għandu fiduċja totali f'missieru. Kif nista' nirrifjuta l-iżgħar jew l-akbar ħaġa jekk staqsejtuni għaliha? Anke jekk ma tarawnix, ma tħossunix ħafna qrib tagħkom fl-affarijiet li jiġrulkom u li jkunu qed jiġru madwarkom? Kemm se tkunu ippremjatei, ġurnata waħda, talli emmintu fija, avolja ma rajtuniex!*
*Avolja li qiegħed hawn, personalment, fostkom ilkoll, nitkellem magħkom, nirrepeti bla waqfien, b'kull mod, li nħobbkom u li nixtieq inkun magħruf, maħbub u onorat b'devozzjoni speċjali, ma tistawx tarawni, apparti persuna waħda, dik li lilha qed niddetta dan il-messaġġ! Waħda biss fost l-umanità kollha! Madankollu qed inkellem lilkom, u fiha, dik li qed nitkellem magħha nara lilkom ilkoll, inkun qed nitkellem ma' kull wieħed u waħda minnkom, u nħobbkom bħallikieku qed tarawni!*
*Irrid li l-bniedem ikun kapaċi jsir jafni u jħossu li jien qrib kull wieħed minnhom. Ftakar, o bniedem, li nixtieq inkun it-tama tal-umanità. M'iniex diġà?*
*Il-bniedem jiintilef kieku ma kontx it-tama tiegħu. Iżda huwa meħtieġ għalija li nkun rikonoxxut bħala tali, sabiex il-paċi, il-fiduċja fija u l-imħabba jkunu jistgħu jidħlu f'qalb il-bnedmin u jpoġġuhom f'kuntatt ma' Missierhom fis-sema u fl-art!*
*Taħsbux fuqi bħala dak ix-xiħ tal-biża' li l-bniedem juri fl-istampi tiegħu u l-kotba! Le, le, la jien iżgħar u lanqas ikbar minn Ibni u l-Ispirtu s-Santu Tiegħi.*

*Minħabba dan, nixtieq li kulħadd, mill-iżgħar sal-ixjeħ, isejjaħli bl-isem familjari ta' Missier u Ħabib. Għax jien dejjem magħkom, qed nagħmel lili stess simili tagħkom sabiex nagħmilkom simili tiegħi. Kemm ikun kbir il-ferħ tiegħi li nara l-ġenituri jgħallmu lil uliedhom jindirizzawni ta' spiss bl-isem ta' Missier, bħalma tabilħaqq jien! Kemm nixtieq nara infuża f'dawn l-erwieħ żgħar fiduċja u imħabba bħal bejn l-aħwa, għalija! Għamilt minn kollox għalikom; ma tagħmlux dan Għalija?*

*Nixtieq nagħmel id-dar tiegħi ġewwa kull familja, bħal fid-dominju Tiegħi, sabiex kulħadd ikun jista' jgħid b'assigurazzjoni assoluta: "Għandna Missier li huwa infinitament tajjeb, infinitament għani u ħanin ħafna. Hu jaħseb fuqna u hu qrib tagħna. Hu jieħu ħsiebna, u jgħina. Hu jagħtina dak kollu li għandna bżonn jekk nistaqsuh. L-ġid kollu tiegħu huwa tagħna, ikollna dak kollu li għandna bżonn." Jien qiegħed hemm preċiżament sabiex intom għandkom titolbuni. "Itolbu u intom taqilgħu" Ta' missier twajjeb li jien, se nagħtikom kollox, basta li lkoll tqisuni bħala Missier veru, li jgħix fost il-familja tiegħu, kif fil-fatt nagħmel.*

*Nixtieq ukoll li kull familja tesebixxi b'mod prominenti it-tpinġija li aktar tard se nuri lil "Binti ż-żgħira". Nixtieq li kull familja tkun tista' tpoġġi lilha nnifisha taħt il-protezzjoni speċjali tiegħi b'dan il-mod, sabiex ikunu jistgħu jonorawni aktar faċilment. Hemm, kuljum, il-familja se taqsam miegħi l-bżonnijiet tagħha, ix-xogħol tagħha, in-niket tagħha, it-tbatijiet tagħha, ix-xewqat tagħha, wkoll il-ferħ tagħa, għax Missier irid ikun jaf dak kollu li jikkonċerna lil uliedu. Naf dan kollu, ovvjament, għax jien hemm, imma nħobb is-sempliċità. Naf kif naddatta ruħi għall-kundizzjonijiet tagħkom. Niċċekken ftit maċ-ċkejknin, nagħmel lili nnifsi adult ma' l-adulti, u l-istess mal-anzjani, sabiex ilkoll jifhmu dak li jien nixtieq ngħidilhom għall-qdusija tagħhom u għall-glorja Tiegħi.*

*M'għandkomx il-prova ta' dak li qed ngħid f'Ibni, li għamel lilu nnifsu żgħir u dgħajjef bħalkom? M'għandkomx sissa din il-prova, meta tarawni nitkellem magħkom hawn? U ma għażiltx kreatura fqira, bħalkom, sabiex inkun nista' nitkellem magħkom u inġiegħlkom tifmu dak li nixtieq ngħidilkom? U issa, mhux qed nagħmel lili nnifsi bħalkom?*

*Ara, poġġejt il-kuruna Tiegħi ħdejn saqajja u żammejt globu tad-dinja ma' ġenb qalbi. Tlaqt Il-glorja tiegħi fis-sema u ġejt hawn, sirt kollox għall-bnedmin kollha, sirt fqir mal-foqra u sinjur mas-sinjuri. Irrid nipproteġi liż-żgħażagħ bħal Missier ħanin. Hemm tant ħażen fid-dinja! Dawn l-imsejkna erwieħ, mingħajr esperjenza qed iħallu lilhom infushom jiġu seduċuti minn attrazzjonijiet tal-vizzju li, ftit ftit, twassal għal rovina totali. Intom, li bżonn speċjali ta' xi ħadd biex jieħu ħsiebkom fil-ħajja, sabiex tkunu tistgħu tevitaw l-ħażen, ejjew għandi! Jiena l-Missier li nħobbkhom aktar minn kwalunkwe kreatura oħra li qatt tkun tista' tħobbkom! Ħudu kenn qrib, qrib ħafna Tiegħi, aqsmu il-ħsibijiet u x-xewqat tagħkom miegħi. Se nħobbkom b'tenerezza. Se nagħtikom grazzji għal preżent u se nberkilkom il-futur tagħkom. Tistgħu taċċertaw rwieħkom li mhux se ninsikom wara ħmistax jew ħamsa u għoxrin jew tletin sena, wara li ħloqtkom. Ejjew! Qed nara li għandkom bżonn ħafna Missier ħelu u infinitament tajjeb bħali.*

*Mingħajr ma noqod nidħol f'ħafna affarijied rilevanti oħra li nista' nitkellem dwarhom aktar tard, issa nixtieq nitkellem partikolarment ma' dawk l-erwieħ li għażilt, saċerdoti u reliġjużi, lilkom, għeżież ulied l-imħabba tiegħi. Għandi pjanijiet kbar għalikom!*

## ***LILL-PAPA***

*Indur lejk, Ibni l-għażiż, Il-Vigarju Tiegħi, qabel l-oħrajn kollha, biex inpoġġi dan ix-xogħol f’idejk. Għandu jikklassifika l-ewwel fost il-kompiti kollha li għandek u, minħabba l-biża' ispirat fil-bniedem mix-xitan, se jitwettaq f'dan iż-żmien biss.*
*O, kemm nixtieqek tkun taf il-firxa ta' din l-intrapriża, il-kobor tagħha, il- wisa' tagħha, il-fond tagħha, l-għoli tiegħha. Nixtieqek tifhem ix-xewqat immensi li għandi għall-umanità, issa u fil-futur!*
*Kieku tkun taf biss kemm nixtieq li nkun magħruf, maħbub u onorat mill-bniedem b'devozzjoni speċjali! Kelli din ix-xewqa għall-eternità kollha u sa’ mill-ħolqien ta' l-ewwel bniedem. Esprimejt din ix-xewqa lill-bniedem f'diversi żmienijiet, speċjalment fit-Testment il-Qadim. Iżda l-bniedem qatt ma fehemha. Issa din ix-xewqa għamlitni ninsa il-passat kollu, li kieku kellha issir realtà issa, fil-kreaturi Tiegħi tad-dinja kollha.*
*Tbaxxejt biex noqgħod mal-ifqar tal-kreaturi tiegħi sabiex inkellimha, u permezz tagħha, lill-bnedmin kollha, minkejja li ma tistax tirrealizza l-kobor tax-xogħol li nixtieq iwettqu fosthom. Ma nistax nitkellem fuq teoloġija magħha, ċert li nfalli, għax hi ma kinitx sejrha tifhimni. Qed nagħmel dan sabiex niżvela l-pjan tiegħi permezz ta’ sempliċità u innoċenza. Iżda issa jmiss li teżamina dan ix-xogħol u tara li jitwettiq malajr.*

*Biex inkun magħruf, maħbub u onorat b'devozzjoni speċjali, mhux ħa nitlob xi ħaġa straordinarja. Nixtieq dan biss:*

1. *Nixtieq li ġurnata, jew għall-inqas il-Ħadd, tkun iddedikata biex tonorani b’mod speċjali taħt it-titlu ta' Missier l-Umanità Kollha. Għal din il-festa, nixtieq quddiesa u allokazzjoni speċjali. Mhux diffiċli ssib it-testi fl-Iskrittura Mqaddsa. Jekk tippreferi toffrili din id-devozzjoni speċjali nhar ta' Ħadd, nagħżel l-ewwel Il-Ħadd ta' Awwissu. Jekk tippreferi fost il-ġimgħa, nixtieq li tkun dejjem is-seba' jum ta' dak l-istess xahar.*
2. *Nixtieq li l-kleru kollu jintrabat li jippromwovi din id-devozzjoni u, fuq kollox, li jagħmilni magħruf mill-bnedmin kif Jien u kif se nkun dejjem għalihom, jiġifieri, l-aktar ta’ qalb tajba u l-aktar ta’ mħabba mill-missirijiet kollha.*
3. *Nixtieqhom idaħħluni ġewwa il-familji kollha, fl-isptarijiet, fil-laboratorji, fil-workshops, kwartieri, swali tal-konferenzi ministerjali tan-nazzjonijiet - fil-qosor, kull fejn il-kreaturi tiegħi huma, anke jekk ikun hemm wieħed minnhom biss! Nixtieq li s-sinjal tanġibbli tal-preżenza inviżibbli tiegħi tkun stampa li turi li jien verament preżenti. Għalhekk, il-bnedmin kollha se jwettqu l-azzjonijiet kollha tagħhom taħt il-ħarsa ta' Missierhom u jien stess se jkolli quddiemi l-keatura li mhux biss ħloqt imma li adottajt ukoll. B'dan il-mod, uliedi jkunu, bħalli kieku, taħt il-ħarsa ħanina ta' Missierhom. Ċertament, anke issa jien ninsab kullimkien, imma nixtieq inkun rappreżentat b'mod tanġibbli!*
4. *Nixtieq li matul is-sena l-kleru u l-fidili iwettqu xi atti reliġjuż f'Ġieħi, mingħajr detriment għax-xogħol tas-soltu tagħhom. Ħallihom is-saċerdoti jmorru bla biża' kullimkien, fost il-ġnus kollha, biex jieħdu l-fjamma ta' mħabba ta’ Missierhom lill-bnedmin. Imbagħad l-erwieħ ikunu illuminati u mirbuħa, mhux biss fost dawk li ma jemmnux, imma wkoll fost is-setet kollha li mhumiex tal-Knisja vera. Iva, jien irrid lil dawn il-bnedmin ukoll, li huma wliedi, biex jaraw din il-fjamma tiddi quddiemhom, li jkunu jafu l-verità, li jogħżżuha u li jpoġġu l-virtujiet Insara kollha fil-prattika.*

5. *Nixtieq inkun onorat b'mod speċjali ħafna fis-seminarji, fin-novizzi, fl-skejjel u d-djar tal-anzjani. Jalla kulħadd, mill-iżgħar sal-ixjeħ, ikun kapaċi jafni u jħobbni bħala missierhom, il-Ħallieq u Salvatur tagħhom.*
6. *Ħalli s-saċerdoti jibdew ifittxu fl-Iskrittura Mqaddsa dak li għedt fi żminijiet ta' qabel u dak li baqa' mhux magħruf sa’ issa dwar il-qima li nixtieq nirċievi mingħand il-bnedmin. Jalla jaħdmu biex jagħmlu x-xewqat tiegħi u r-rieda tiegħi magħrufa minn kull bniedem, li jispeċifikaw dak li nixtieq ngħid lin-nies b'mod ġenerali u lis-saċerdoti, il-patrijiet u s-sorijiet b'mod partikolari. Dawk l-erwieħ huma dawk li għażilt, aktar minn oħrajn fid-dinja, biex jagħtuni ġieħ kbir.*

*Naturalment, se jieħu ż-żmien biex tifhmu kompletament dawn ix-xewqat li għandi għal umanità u li żvelajtlek! Iżda ġurnata waħda, permezz tat-talb u sagrifiċċji ta' erwieħ ġenerużi li jagħtu lilhom infushom għal din il-ħidma ta’ mħabba Tiegħi, iva, ġurnata waħda nkun sodisfatt. Jiena nbierkek, Ibni l-għażiż, u nippremjak għal mitt darba għal dak kollu li se tagħmel għall-glorja Tiegħi."*

## LILL-ISQOF

*“Irrid ukoll ngħid lilek kelma, Ibni Alessandru, biex ix-xewqat tiegħi jkunu mnebbħa fid-dinja.*

*Int trid tingħaqad mal-konfessur ta' din ix- "xitla żgħira" (Madre Eugenia) ta' Ibni Ġesù, fil-promozzjoni ta' dan ix-xogħol, jiġifieri d-devozzjoni speċjali li nistenna mill-bniedem. Lielkom, uliedi, nafda dan ix-xogħol u l-futur tiegħu, li huwa tant importanti.*

*Tkellem, ippersisti, għarraf kliemi, sabiex isiru jafuni, jħobbuni u jonorawni il-kreaturi kollha tiegħi. Jekk tagħmel dan, tkun għamilt dak li nistenna minnek, jiġifieri, ir-rieda tiegħi, u int tkun wettaqt ix-xewqat li tant ilni ngħożż fis-silenzju.*

*Għal dak kollu li tagħmel għall-glorja Tiegħi, se nagħmel id-doppju għas-salvazzjoni u l-qdusija tiegħek. Fl-aħħar, fis-sema, u fis-sema biss, tara l-premju kbir li se nagħtik b'mod speċjali ħafna, flimkien ma' dawk kollha li ħadmu għal dan il-għan.*
*Ħloqt il-bniedem Għalija nnifsi u huwa ġust li għandi nkun KOLLOX għalih. Il-bniedem mhux sejjer igawdi il-vera l-hena jekk mhux ma' Missieru u l-Ħallieq tiegħu, għax qalbu hija magħmula Għalija biss.*
*Min-naħa tiegħi, l-imħabba tiegħi għall-kreaturi Tiegħi hija tant kbira li m'għandix ferħ akbar minn dik li nkun fosthom.*
*Il-glorja tiegħi fis-sema hija infinitament kbira, imma l-glorja Tiegħi għadha tkun akbar meta nkun fost uliedi, l-bnedmin tad-dinja kollha. Il-ġenna tagħkom, kreaturi tiegħi, tinsab fil-ġenna flimkien ma’ dawk il-magħżula Tiegħi, għax hemm li se tikkontemplaw lili f'viżjoni ta' dejjem u se tgawdu l-glorja eterna. Il-ġenna Tiegħi tinsab fuq l-art magħkom ilkoll, o bniedem! Iva, huwa fid-dinja u f'ruħkom li nfittex l-hena u Il-ferħ Tiegħi. Intom tistgħu tipprovduli dan il-ferħ li huwa wkoll id-dmir lejn il-Ħallieq u l-Missier tagħkom, u dan li jixtieq u jistenna minnkom.*
*Il-ferħ li nħoss li nkun magħkom mhux inqas kbir minn dak li ħassejt meta kont ma' Ibni Ġesù matul il-ħajja mortali Tiegħu. Ibni - kien Jien li bgħathu. Huwa kien imnissel mill-Ispirtu Qaddis Tiegħi, li Hu Jien stess; f'kelma waħda, Jien kont dejjem Jien.*
*Inħobbkom kif ħabbejt lil Ibni, li Hu Jien stess, ngħidilkom, kreaturi tiegħi, kif għidt Lilu: intom uliedi l-għeżież Tiegħi u fikom ninsab kuntent ħafna. Minħabba dan nifraħ fil-kumpanija tagħkom u nixtieq nibqa' magħkom. Il-preżenza Tiegħi fostkom hija bħax-xemx fuq id-dinja. Jekk intom disposti tajjeb biex tirċievuni, niġi ħafna qrib tagħkom, nidħol fikom, ndawwalkom u nsaħħankom bl-imħabba infinita Tiegħi.*
*Rigward intkom, erwieħ fi stat midneb, jew li ma tafux il-verità reliġjuża, mhux se nkun nista' nidħol fikom; madankollu, sejjer inkun qrib tagħkom, għax qatt ma nieqaf insejjħilkom, nistiedinkom sabiex tibdew tixtiequ li tirċievu l-benefiċċji li nġibilkom, sabiex tkunu tistgħu taraw id-dawl u tkunu imfejqa mid-dnub.*
*Kultant inħares lejkom u nħoss kompassjoni għall-istat mhux kuntent tagħkom. Kultant inħares lejkom b’imħabba, sabiex niddisponikom ħalli iċċedu għas-seħer tal-grazzja. Inqatta' ġranet, kultant snin, qrib xi erwieħ sabiex inkun nista’ nassigura l-kuntentizza eterna tagħhom. Ma jafux li jien hemm nistennijhom, nsejħilhom kull mument tal-ġurnata. Madankollu, qatt ma nagħja u xorta nħoss il-ferħ li nibqa' qrib tagħkom, dejjem bit-tama li xi darba terġgħu lura għand Missierkom u li intom almenu toffruli xi att ta' mħabba qabel ma’ tmutu.*
*Se nagħtikom eżempju ta' ruħ li qed tiffaċċja l-mewt għall-għarrieda; Din ir-ruħ dejjem kienet għalija bħall-Iben il-Ħali.* (Nota minn Madre Eugenia: "Rajt dan l-eżempju bħala fatt, eżattament kif jiddettah Missierna u niktibha.")
*Tajt ħafna benefiċċji lil din ir-ruħ, imma ħela dawn il-benefiċċji kollha, dawn ir-rigali kollha*

*li l-Missier l-aktar maħbub tiegħu ipprovdielu. Aktar minn hekk, huwa offendieni b'mod gravi. Stennejtu, imxejt warajh kullimkien, għamiltlu aktar favuri: is-saħħa u ġid, li kkawżajt li jirriżulta mix-xogħol tiegħu, sal-punt tas-superfluwità. Xi drabi il-providenza Tiegħi tagħtu aktar rigali. Għalhekk kellu ħafna minn kollox, iżda hu ra kollox fid-dawl ikraħ tal-vizzji tiegħu, u ħajtu kollha kienet nisġa ta' żbalji għax kien ivvizzjat bid-dnub mejjet. Imma l-imħabba tiegħi qatt ma għajjiet. Bqajt insegwieħ xorta. Kont inħobbu u, fuq kollox, minkejja ir-riġezzjonijiet tiegħu, kont kuntent li ngħix bil-paċenzja qribu, bit-tama li forsi xi darba jirrispondi għall-imħabba tiegħi u jirritorna għandi, il-Missier u Salvatur tiegħu.*
*Fl-aħħar, l-aħħar jum tiegħu qed joqrob: Bgħattlu marda sabiex jiġi f'sensih u jerġa' lura għandi, Missieru. Jgħaddi ż-żmien u il-povru ibni - għandu 74 - jinsab fl-aħħar siegħa tiegħu. Għadni hemm, bħal dejjem: nitkellem miegħu b'aktar qalb tajba mis-soltu. Nippersevera, insejjaħ lill-magħżulin tiegħi u nitlobhom jitolbu għalieħ, biex forsi jitlob il-maħfra li qed noffrilu ... u issa, qabel jieħu l-aħħar nifs tiegħu, jiftaħ għajnejh, jammetti l-iżbalji tiegħu u jifhem kemm tbiegħed mit-triq li tassew twassal għalija. Huwa jirkupra sensieħ u b'leħen dgħajjef, li ħadd minn dawk ta' madwaru ma jista' jisma', jgħid: "Alla tiegħi, issa nista' nara kemm kienet kbira l-imħabba tiegħek għalija u offendejtek kontinwament b’ħajja tant ħażina. Qatt ma ħsibt fuqek, Missieri u Salvatur. Issa qed tara kollox u nitlob maħfra għal dan il-ħażen kollu li tara fija u li issa qed niddixxerixxi fil-konfużjoni tiegħi. Inħobbok, Missieri u s-Salvatur tiegħi!"*
*Huwa miet dak il-mument stess u issa hawn hu, quddiemi. Jiena niġġudikah b’imħabba ta’ missier: sejjaħli Missier u hu salvat. Huwa se jqatta' perjodu ta' żmien fil-post ta’ tpattija għad-dnubiet, u wara dan ikun kuntent għall-eternità kollha. Wara li ħadt gost matul ħajtu nittama li nsalvah meta jindem, issa nifraħ saħansitra aktar, flimkien mal-miġema tas-sema tiegħi, li jien issa sirt Missieru għal dejjem.*
*Rigward l-erwieħ li jgħixu ħajja ġusta u f’grazzja qaddisa, nuri l-ferħ tiegħi billi ngħix fihom. Nagħtihom lili nnifsi. Nittrażmettilhom l-użu tal-qawwa Tiegħi u permezz tal-imħabba tiegħi iduqu ftit minn qabel, il-ġenna permezz tiegħi, Missierhom u Salvatur tagħhom!”*

B'hekk tintemm l-ewwel parti tal-Messaġġ.

## IL-MESSAĠĠ TAL-MISSIER

It-Tieni Parti

It-tieni parti tibda fit-12 ta' Awwissu 1932. Darba minnhom ix-xitan ħadulha (id-djarju) u qatta il-qoxra tiegħu b'imqass.

*“Għadni kif ftaħt funtana ta' ilma ħaj li qatt mhu se jinxef minn issa sal-aħħar taż-żmien. Qed niġi għandkom, kreaturi tiegħi, biex niftaħ is-Sider tiegħi ta’ missier, mimli bl-imħabba għalikom, uliedi. Irridek tkun xhieda ta’ l-imħabba ħanina u infinita Tiegħi. Mhux biżżejjed għalija li wrejtek l-imħabba tiegħi; Irrid ukoll niftaħ Qalbi għalikom, fejn se toħroġ nixxieja ta’ ilma frisk u minn fejn l-bnedmin kollha se jaqtgħu l-għatx tagħhom. Imbagħad se jesperjenzaw ferħ li qatt ma kienu jafu sa’ issa billi tant kienu mtaqqla mill-biża' esaġerata li kellhom minni, Missier tant ħanin.*

*Miż-żmien meta wegħedt lill-bniedem Salvatur, ħallejt din in-nixxieja ħierġa.* (Nota ta' Madre Eugenia: "Stajt nara din in-nixxieja kuljum minn meta tkellem għall-ewwel darba dwarha.") *Għamiltha tgħaddi minn qalb Ibni biex nilħaqkom. Imma l-imħabba immensa tiegħi għalikom tagħmilni nagħmel aktar, niftaħ Sidri li minnu dan l-ilma ta' salvazzjoni se joħroġ b’qawwa għal uliedi, u se nħallihom jieħdu liberament dak kollu li huma jkollom bżonn maż-żmien u għall-eternità.*

*Jekk tixtiequ tipprovaw l-qawwa ta' din in-nixxieja li dwarha qed nitkellem, l-ewwel tgħallmu issiru tafuni aħjar u siru tħobbuni sal-punt li nixtieq, jiġifieri, mhux biss bħala Missier, imma bħala l-ħabib konfidenzjali tagħkom.*

*Għaliex intom sorpriżi b'dak li qed ngħid? Ma ħloqtkomx fl-immaġini tiegħi? Għamilt dan sabiex ma ssibu xejn stramb meta titkellmu fuq termini familjari ma' Missierekom, il-Ħallieq u Alla tagħkom. Għax intom prodott ulied missier ta’ imħabba divina permezz tat-tjubija ħanina tiegħi.*

*Ibni Ġesù qiegħed Fija u jiena Fih, f’imħabba reċiproka bejnietna li hija l-Spirtu s-Santu, li jżommna magħqudin f'din ir-rabta ta' mħabba sabiex jagħmilna WIEĦED.*

*Ibni huwa l-għajn ta' din il-funtana, biex l-bnedmin imorru jiġbru minn Qalbu, minn din l-għajn, li dejjem mimlija u tfawwar, b’dan l-ilma tas-salvazzjoni! Imma tridu tiżguraw ruħkom mil-eżistenza ta' din il-funtana li Ibni jiftaħ għalikom, sabiex tkunu tistgħu tikkonvinċi ruħkom li huwa frisk u pjaċevoli! Mela ejjew għandi permezz ta’ Ibni u, ladarba tkunu qrib tiegħi, stqarru ix-xewqat tagħkom miegħi. Se nurikom din il-funtana, nurikom lili nnifsi kif verament jien. Meta issiru tafuni, l-għatx tagħkom se jitlaq, terġaw tqumu, il-mard tagħkom jitfejjaq, il-biżgħat tagħkom jisparixxu. Il-ferħ tagħkom ikun kbir u l-imħabba tiegħi għalikom tħossuha aktar sigura milli qatt kienet qabel.*

*Imma, tgħiduli, kif nistgħu niġu għandek? O, ejjew mit-triq tal-fiduċja, sejjħuli Missierkom, ħobbuni fl-ispirtu u l-verità, u dan ikun biżżejjed biex jagħmel dan l-ilma iġġeniċi u ta’ qawwa jaqtalkom l-għatx. Imma jekk veru tridu li dan l-ilma jagħtikom dak kollu li għandkom bżonn biex tkunu tafuni u tħobbuni, u jekk tħossukom bierda u indifferenti, għajtuli bl-isem ħelu ta' Missier u jien niġi għandkom. In-nixxija tiegħi tagħtikom imħabba, kunfidenza u dak kollu li għandkom bżonn biex tkun maħbubin għal dejjem minn Missierkom u il-Ħallieq tagħkom.*

*Għax nixtieq l-aktar li nkun magħruf minnkom ilkoll, sabiex lkoll tkunu tistgħu tgawdu, anke hawn*

*fid-dinja, it-tjubija u t-tenerezza tiegħi. Agħmlu lilkom infuskom appostli għal dawk li għadhom ma jafunix u Jien inbierek il-xogħol u l-isforzi tagħkom, u nipprepara glorja kbira għalikhom Miegħi fl-eternità!*

*Jien l-oċean tal-karità, Uliedi, u din hija prova oħra tal-imħabba ta’ missier li nħoss għalikom ilkoll, mingħajr eċċezzjoni, irrispettivament mill-età, l-istatus jew l-pajjiż tagħkom. Lanqas ma*

*neskludi soċjetajiet, setet, dawk li jemmnu, dawk li ma jemmnux u l-indifferenti. Niġbor f'din l-imħabba l-kreaturi kollha li kapaċi jirraġunaw u jaħsbu – dawk li jiffurmaw l-umanità.*

*Hawn hi l-prova ta' dan: jien l-oċean tal-karità. Urejtek in-nixxija li tferra' minn Sidri biex ittaffi l-għatx tagħkom, u issa, sabiex nurikom it-tjubija tiegħi lejn kulħadd, se nurikom l-oċean tal-karita` universali tiegħi, sabiex inthom tkuni tistgħu tgħoddsu fieħ b’għajnenkom magħluqa. Għaliex? Sabiex, l-erwieħ mimlija imrar mid-difetti u d-dnubiet, waqt li jgħoddsu f'dan l-oċean, ikunu jistgħu jitilfu dak l-imrar f'dan il-banju ta' mħabba. Huma se joħorġu minn dan l-oċean aħjar, kuntenti li tgħallmu kif ikunu twajjbin u karitatevoli. Jekk, minħabba nuqqas ta’ tagħrif jew dgħjufija, intom stess terġgħu taqgħu f'dan l-istat ta' imrar, xorta se nkun oċean ta' karità, lest biex nirċievi din il-qatra morra, nittrasformaha f'karità u tjubija u nagħmilkom qaddisin kif jien, Missierkom, Hu.*

*Uliedi, tixtiequ tgħixu ħajjietkom fid-dinja b'mod paċifiku u ferħan? Ejjew u itfgħu lilkom innfuskom f'dan l-oċean immens u ibqgħu fih għal dejjem. Waqt li taħdmu u tgħixu il-ħajja normali tagħkom, din il-ħajja titqaddes permezz tal-karità.*
*Fir-rigward ta' wliedi li ma jsegwux il-verità, nixtieq aktar u aktar li inkebbishom b’favuri ta’ missier, biex ikunu jistgħu jiftħu għajnejhom għad-dawl li issa jiddi b'mod aktar ċar minn qatt qabel.*
*Dan huwa ż-żmien tal-grazzji, previsti u mistennija mill-bidu taż-żmien! Hawn jien qiegħed personalment biex ikellimkom. Ġejt bħala l-aktar missier teneruż u li jħobb. Tbaxxejt, insejt lili Innifsi, biex tilħqu sal-livell tiegħi ħalli nassigura s-salvazzjoni tagħkom. Ilkoll intom li issa qed tgħixu u intom ukoll, li qegħdin ġewwa baħħ, imma li tgħixu seklu wara seklu sal-aħħar tad-dinja, ftakru li m'inthomx waħedkom: Missier jaħseb fikom u joffrilkom sehem fil-privileġġi bla qieħ tal-imħabba Tiegħu. Ersqu lejn in-nixxiegħa li se tfawwar għal dejjem mis-sider ta’ Missier. Tegħmu l-ħlewwa ta' dan l-ilma li jagħti s-saħħa, u meta idduqu il-qawwa delizzjuża kollha tiegħu f'ruħkom, li tissodisfa l-bżonnijiet kollha tagħakom, ejjew u intefgħu fl-oċean karitattiv tiegħi, sabiex tgħixu fija biss, tmutu f’ikom innfuskom u tgħixu eternament Fija.”*

Nota ta' Madre Eugenia:
"Missierna qalli fi djalogu intimu: *“In-nixxiegħa hija s-simbolu tal-għerf Tiegħi; l-oċean huwa dak tal-imħabba bla qies Tiegħi u tal-fiduċja tagħkom. Meta tixtiequ tixrobu minn din in-nixxiegħa, studjawni sabiex kunu tafuni u, meta issiru tafuni, għaddsu fil-oċean tal-imħabba bla qies Tiegħi, tafdaw Fija b'kunfidenza tant profonda li titrasformakom: dan ma nkunx kapaċi nirreżisti. Imbagħad se naħfer l-iżbalji tagħkom u nagħmlilkom favuri b’ammonti kbar"*

Ikompli il-messaġġ: *"Jien qiegħed fostkom. Kuntenti huma dawk li jemmnu din il-verità u li jieħdu vantaġġ ta' dan iż-żmien li dwaru l-Iskrittura tkellmet hekk: "Se jiġi żmien meta Alla jrid ikun onorat u maħbub mill-bnedmin kif jixtieq hu."*
*L-Iskrittura mbagħad tkompli tistaqsi: "Għaliex?" u twieġeb: "Għax Hu waħdu jimmerita dan l-unur, imħabba u tifħir għal dejjem!"*
*Mosè rċieva mingħandi dan bħala l-ewwel mill-għaxar kmandamenti, dan il-kmand irid jiġi kkomunikati lill-bnedmin: "Ħobb u għadura lil Alla!"*

*Dawk li huma diġà Nsara jistgħu jgħidu: "Aħna ħabbejniek minn meta twelidna jew mill-konverżjoni tagħna, kif spiss ngħidu fit-Talba tal-Missierna:* 'Missierna, li inti fis-smewwiet!' " *Iva, uliedi, huwa veru, tħobbuni u tonorawni meta tgħidu l-ewwel parti tal-'Missierna', imma komplu bit-talba u taraw:*
"imbierek u onorat ikun Ismek!" *Ismi qed jitbierek?*
*Kompli:*
*"Tiġi s-saltnatek!" Ġiet is-saltna tiegħi?*
*Intom tonoraw b'mod ferventi ħafna s-Sultan Ibni Ġesù, huwa minnu, u fih qed tonorawni! Imma tiċħdu lil Missierkom din il-glorja kbira li tipproklamaw Lilu 'Sultan', jew għall-inqas, li tħalluni nsaltan sakemm il-bnedmin kollha jsiru jafuni u jħobbuni?*
*Nixtieqkom tiċċelebraw din il-festa ta’ Ibni is-Sultan b'riparazzjoni għall-insulti li Huwa rċieva quddiem Pilatu u mis-suldati liv-vandalIżżaw l-umanità qaddisa u innoċenti Tiegħu. Nitlobkom biex ma tħassrux din il-festa, imma, għall-kuntrarju, iċċelebrawha b'entużjażmu u ferveriżmu; iżda sabiex kulħadd ikun jaf verament dan ir-Re, iridu jkunu jafu s-saltna Tiegħu wkoll. Issa, biex jinkiseb perfettament dan l-għarfien doppju, huwa wkoll meħtieġ li jkunu jafu Missier dan ir-Re, il-Ħallieq ta’ dan ir-Renju.*
*Tassew, uliedi, il-Knisja - din is-soċjetà li fdajt lil Ibni biex jistabilixxi – sejrha tlesti l-ħidma tagħha billi tonorah lil Dak li hu l-Awtur tagħha: Missierkom u Ħallieq. Uħud minnkom, uliedi, jistgħu jgħidu: "Il-Knisja kibret kontinwament. L-Insara qed ikunu aktar u aktar numerużi: din hija prova suffiċjenti li l-Knisja tagħna hija kompluta!" Kun afu, Uliedi, li Missierkom, dejjem baqa' jieħu ħsieb il-Knisja sa mit-twelid tagħha u li, flimkien ma' Ibni u l-Ispirtu s-Santu, ridtha tkun infallibbli permezz tal-Vigarju Tiegħi, il-Papa. Madankollu, mhuwiex minnu li jekk l-insara kienu jafuni Jien kif Jien, il-Missier teneru u ħanin, tajjeb u liberali, sejrin jipprattikaw din ir-reliġjon qaddisa b'mod aktar ferventi u sinċier?*
*Uliedi, mhux forsi minnu li, jekk kontu tafu li kellkom Missier li jaħseb fikom u jħobbkom infinitament, min-naħa tagħkom kontu tagħmlu sforz biex tkunu aktar fidili lejn id-dmirijiet nisranija tagħkom, kif ukoll lejn dmirijietkom tagħkom bħala ċittadini, li tkun ġusti u li tażerċitaw il-ġustizzja f’għajnejn Alla mal-bnedmin?*
*Mhux minnu li, jekk kontu tafu lil dan il-Missier li jħobbkom ilkoll mingħajr distinzjoni u li, mingħajr distinzjoni, isejħilkom ilkoll bl-isem ħelu ta’ ‘tfal Tiegħi’, intom tbobbuni bħala tfal affezzjonabbli, u li din l-imħabba, taħt l-impuls tiegħi, issir imħabba attiva, li testendi lilha nnifisha għall-bqija tal-umanità li għadhom ma jafux din Is-soċjetà Nisranija u wisq inqas lill min ħalaqhom li Hu Missierom?*
*Jekk xi ħadd mar u tkellem ma' dawn l-erwieħ, abbandunati fis-superstizzjonijiet tagħhom, jew lil tant oħrajn li jsejħuli Alla għax jafu li neżisti imma mhux li jien qrib tagħhom; jekk xi ħadd jgħidilhom li il-Ħallieq tagħhom huwa Missierhom ukoll, u li jaħseb fihom u li mħasseb fuqhom, li jdawwarhom b'affezzjoni intima fid-dulur u il-miserji tagħhom, dan jikseb il-konverżjoni tal-aktar qlub iebsa, u dawn il-konverżjonijiet ikunu aktar numerużi u sodi, jiġifieri, aktar perseveranti.*
*Uħud minnkom, waqt li se jeżaminaw dan ix-xogħol ta' mħabba li qed inwettaq fost il-bnedmin, se jsibu kawża biex jikkritikaw u se jgħidu: "Imma l-missjunarji, wara li jaslu f'dawk il-pajjiżi mbiegħda, ikellmu lil dawk li ma jemmnux dwar Alla, it-tjubija Tiegħu u l-ħniena Tiegħu? X'jistgħu jgħidu aktar dwar Alla, meta li jitkellmu fuqu l-ħin kollu?"*

*Il-missjunarji tkellmu u għadhom jitkellmu dwar Alla kif jafuh huma, imma nassigurakom, li ma jafuniex kif jien, għax ġejt biex nipproklama Jien stess il-Missier ta' kulħadd u l-aktar wiehed ħanin fost il-missirijiet, sabiex nittrasforma imħabbitkom, li saret mgħawġa mill-biża'. Ġejt sabiex inkun simili tal-kreaturi tiegħi, biex nikkoreġi l-idea li għandkom ta' Alla ġust tal-biża, għax nara il-bnedmin iqattgħu ħajjithom kollha mingħajr ma jafdaw xejn li jkunu għaddejin minnu fl-uniku Missier, li l-unika xewqa tiegħu hija li jagħmel il-ħajjitom f'din l-art aktar faċli u mbagħad jagħtihom ħajja divina, fil-ġenna.*

*Din hija prova li l-erwieħ ma jafunix aktar minnek, li għadek ma għelibtx l-idea li għandek dwari. Imma issa qed nagħtik dan id-dawl. Ibqa' f'dan id-dawl u wasslu lil kulħadd, u jkun mezz qawwi kemm biex tikseb konverżjonijiet kif ukoll biex tagħlaq, jekk possibbli, il-bibien tal-infern, għax issa sejjer nirrepeti l-wegħda Tiegħi, li se iddum għal dejjem:*

***DAWK KOLLHA LI JSEJĦULI BL-ISEM TA' MISSIER, ANKE JEKK DARBA BISS, MA JINTILIFX, IMMA JKUNU ĊERTI MILL-ĦAJJA ETERNA TAGĦHOM FOST DAWK IL-MAGĦŻULA.***

*U lilkom li se taħdmu għall-glorja Tiegħi u timpenjaw rwieħkom biex tagħmluni magħruf, onorat u maħbub, nagħti l-assigurazzjoni li l-premju tagħkom sejjer ikun kbir, għax se ngħodd kollox, anke l-iżgħar sforz li tagħmlu, u se nippremjakom għal mitt darba fl-eternità*

*Kif għidtilkom, huwa meħtieġ li ġġibu it-twettiq fil-Knisja mqaddsa id-devozzjoni li tonora b'mod speċjali ħafna l-Awtur ta' din is-Soċjetà, dak li ġie biex jistabilixxiha, dak li hu l-qalb tagħha, Alla fi tliet Persuni: l-Missier, l-Iben u l-Spirtu s-Santu.*

*Sakemm it-tliet Persuni jiġu onorati b'devozzjoni speċjali fil-Knisja u l-umanità kollha, se jkun hemm xi ħaġa nieqsa f'din is-soċjetà. Diġà għamilt xi erwieħ konxji ta' dan in-nuqqas, iżda ħafna minnhom, wisq dajfa, ma rrispondewx għas-sejħa tiegħi. Oħrajn kellhom il-kuraġġ jitkellmu dwarha ma nies importanti, iżda, fil-falliment tagħhom, ma ipperseverawx.*

*Issa waslet is-siegħa tiegħi. Jien stess ġejt biex nagħmel l-bniedmin, uliedi, dawk li, sal-lum, ma fehmux kompletament. Jien stess ġejt biex inġib il-fjamma tal-liġi tal-imħabba sabiex, b'dan il-mod, is-saff enormi ta' silġ li iddawwar l-umanità tista' tiġi mdewwba u tinqered.*

*O, umanità maħbuba, o, bnedmin uliedi, eħilsu lilekom innfuskom mir-rabtiet bi ktajjen li ix-xitan dawwarkom bihom s'issa, jispira fikom biża' minn Missier li hu mħabba pura! Ejjew, ersqu eqreb Tiegħi, għandkom kull dritt li tersqu lejn Missierkom; iftħu qalbkom, itolbu lil Ibni biex Hu jgħinkom tkunu tafu aktar aħjar it-tjubija tiegħi lejkom.*

*Intom, priġunieri tas-superstizzjonijiet u l-liġijiet tax-xitan, ħallu dan l-iskjavitù tiraniku u aslu għall-verità tal-veritajiet. Agħrafu lil Dak li għamilkom u li Huwa Missierkom. Tippruvax titolbu id-drittijiet tagħkom, tagħtu il-qima u l-ġieħ lil dawk li wasslukom biex tqattgħu ħajjitkom għal xejn s'issa, imma ejjew għandi, Jien qed nistennikom kollha għaliex intom ilkoll uliedi.*

*U intom li qiegħedin fid-dawl veru, għidulhom kemm hu ħelu li tgħix fil-verità! Għidulhom ukoll lil dawk l-Insara, lil dawk il-kreaturi għeżież, Uliedi, kemm hu ħelu li jaħsbu li hemm Missier li jara kollox, jaf kollox, jipprovdi għal kollox, li Hu infinitament tajjeb, li jaħfer faċilment u li jikkastiga biss kontra qalbu u bil-mod. Għidulhom biex jiġu għandi: jien se ngħinhom, se nħaffef it-toqol tal-ħajja iebsa tagħhom u se nagħtiha ċertu ħlewwa. Se nimlihom bl-imħabba ta' missier, biex isiru kuntenti issa u l-eternità.*

*U intom, uliedi, li tliftu l-fidi u tgħixu fid-dlam, għollu għajnejnkom, taraw raġġi ta' dwal ġejjin biex idawlukom. Jiena x-xemx li tiddi, li issaħħan u li terġa issaħħan mill-ġdid. Ħarsu, u tagħrfu li jien il-Ħallieq tagħkom, Missierkom, il-wieħed u l-uniku Alla tagħkom. Għaliex inħobbkom li ġejt biex nagħmilkom tħobbuni, sabiex tkunu tistgħu tiġu salvati kollha.*

*Qed nitkellem mal-bnedmin kollha, tad-dinja kollha, u nagħmel dan l-appell tal-imħabba ta' missier jidwi, nixtieqkom tkunu tafu li din l-imħabba infinita hija realtà permanenti. Ħobbu, ħobbu, ħobbu dejjem, imma uru wkoll lill-oħrajn kif iħobbu lill-Missier, biex mil-lum 'il quddiem inkun nista' nurikom ilkoll lil-Missier li tant iħobbkom b’passjoni.*

*U intom, uliedi għeżież, saċerdoti u patrijiet, neżortakom biex tgħarrfu din l-imħabba ta’ missier li għandi għall-bnedmin, u għalikom b'mod partikolari. Tridu taħdmu sabiex ir-rieda Tiegħi tista' titwettaq fil-bnedmin kollha u fikom. Huwa li għandi nkun magħruf, onorat u maħbub. Tħallux l-imħabba tiegħi inattiva għal żmien twil, għax jien bil-għatx f’xewqti li nkun maħbub!*

*Dan is-seklu huwa privileġġjat fuq l-oħrajn kollha. Tħallux dan il-privileġġ jgħaddi, għal biża' li jista' jiġi rtirat! L-erwieħ jeħtieġu ċertu daqqa t’id divina, u l-ħin jagħfas; tibżgħu minn xejn, jiena Missierkom; Se ngħinkom fl-isforzi u x-xogħol tagħkom. Jiena nsostnikom dejjem u nġiegħlkom tgawdu, hawn isfel minn issa, paċi u l-ferħ tar-ruħ, li jagħmlu il-ministeru u l-opri żelużi tagħkom jagħtu l-frott. Dan huwa rigal inprezzabbli, peress li r-ruħ, li hija diġà fil-paċi u l-ferħ tkun ġa qedha it-tiegħem il-ġenna waqt li qed tistenna l-premju etern tagħha.*

*Ikkomunikajt lill-Vigarju Tiegħi, il-Pontifikal Suprem, ir-Rappreżentant Tiegħi fid-dinja, preferenza speċjali ħafna għall-appostolat missjunarju f'pajjiżi mbiegħda u, l-aktar, ħeġġa kbira biex ixerred mad-dinja kollha d-devozzjoni lejn il-Qalb Imqaddsa ta' Ibni Ġesù. Issa qed nafdah bix-xogħol li ġie bieħ dan l-istess Ġesù fid-dinja biex iwettaq: li niġi igglorifikat billi jagħmilni magħruf kif Jien, bħal ma qed ngħid il-bnedmin kollha, Il-kreaturi u t-tfal tiegħi.*

*Jekk il-bnedmin kienu jistgħu jippenetraw il-Qalb ta' Ġesù fix-xewqat u fil-glorja kollha tagħha, jirrealizzaw li l-akbar xewqa tagħha hija li tigglorifika lill-Missier, lil dak li bagħatu, u, l-aktar, biex ma jħallix il-glorja Tiegħu tonqos kif ġara s'issa. Huwa jixtieq il-glorja sħiħa li l-bnedmin jistgħu u għandhom jagħtuni, bħala Missierhom u il-Ħallieq tagħhom, u anke l-iżjed, bħala l-Awtur ta’ min fdijhom!*

*Qed nitlob lill-bniedem x'kapaċi jagħtini: il-fiduċja tiegħu, l-imħabba u l-gratitudni tiegħu. Mhux għax għandi bżonn il-kreatura tiegħi u l-adorazzjoni tagħha li nixtieq inkun magħruf, onorat u maħbub; l-unika raġuni għaliex inżilt, hija biex insalvha u nagħtiha sehem fil-glorja Tiegħi. Barra minn hekk, fit-tjubija u l-imħabba tiegħi, jien qed nirrealizza li l-ħlejjaq li ħlaqt mix-xejn u adottajt bħala t-tfal veru tiegħi, qed jaqgħu b'numri kbar fi dwejjaq eterna max-xjaten. Għalhekk huma qed jonqsu milli jilħqu l-iskop tal-ħolqien tagħhom u qed jitilfu ħinhom u l-eternità tagħhom!*

*Jekk hemm xi ħaġa li nixtieq, issa fuq kollox,huwa sempliċement li nara aktar ħerqa min-naħa tal-ġusti, triq faċli għall-konverżjoni tal-midinbin, konverżjoni sinċiera u perseveranti, u r-ritorn tal-ulied prodigali lejn id-dar ta' Missierhom. Qed nirreferi b'mod partikolari għal-Lhud u għall-oħrajn kollha li huma kreaturi u tfal Tiegħi, bħall-iskismatiċi, l-eretiċi, il-mażuni, l-infidili foqra, is-sagrileġġjużi, u d-diversi setet sigrieti. Irrid lid-dinja kollha tkun taf li hemm Alla u Ħallieq. Dan Alla, li se jindirizza l-injoranza tagħhom doppjament, ma jafuħx; ma jafux li jien Missierhom.*

*Emmnuni, intom li qed tisimagħuni waqt li taqraw dan il-kliem: jekk il-bnedmin kollha li huma 'l bogħod mill-Knisja Kattolika tagħna jisimgħu nies jitkellmu dwar dan il-Missier li jħobbhom, li hu l-Ħallieq u Alla tagħhom, dwar dan il-Missier li jixtieq jagħtihom il-ħajja eterna, ħafna minn dawn l-bnedmin, anke dawk l-aktar obstinati, jiġu għand dan il-Missier li intom tkunu kellimtuhom fuqu.*

*Jekk ma tistgħux tmorru għandhom u tkellmuhom direttament, fittxu mezzi oħra: hemm eluf ta' modi diretti u indiretti. Uruhom b’dan kollu bl-ispirtu veru ta' dixxipli u b'fervur kbir. Inwiegħdkom li l-isforzi tagħkom dalwaqt se jiġu inkurunati b'suċċess bi grazzja speċjali. Agħmlu lilkom infuskom appostli tat-tjubija ta' Missierkom u, minħabba l-ħeġġa li se nagħtikom ilkoll, tkunu ta’ saħħa u qawwa kbira fix-xogħol fost l-erwieħ.*
*Jien sejjer dejjem inkun qrib tagħkom u fikom: jekk ikun hemm tnejn minnkom jitkellmu, Jien inkun magħkom; jekk ikun hemm aktar, inkun fostkom; b'hekk tgħidu dak li nispirakom biex tgħidu u se npoġġi lis-semmiegħa tagħkom fi stat mentali idejali biex jisimgħukom. B'dan il-mod, il-bnedmin ikunu mirbuħa mill-imħabba u salvati għall-eternità kollha.*
*Fir-rigward il-mezzi biex tonorawni kif nixtieq, kull ma nitlob minnkom huwa kunfidenza fijja. Taħsbux li rrid awsteritajiet jew mortifikazzjonijiet; Ma irridkomx timxu ħafjin jew tpoġġu wiċċekom fit-trab, jew li tinksew bl-irmied. Le, le! L-akbar xewqa għażiża tiegħi hija li ġġibu wrieħkom bħala wliedi, b’sempliċita’, u li tafdaw fija!*
*Magħkom se nsir kollox għal kulħadd, l-aktar Missier teneru u ta’ mħabba. Se nkun fuq relazzjoni intima magħkom, se nagħti Lili nnifsi lilekom ilkoll, se nċekken Lili nnifsi sabiex nagħmilkom kbar għall-eternità.*
*Ħafna minn dawk li ma jemmnux, dawk il-komunitajiet bla rispett lejn Alla u oħrajn, jibqgħu fil-ħażen u n-nuqqas ta' twemmin għax jaħsbu li qed nistaqsi l-impossibbli minnhom, li jridu jissottomettu għall-kmandi Tiegħi bħal skjavi ta' sid tiraniku, li l-qawwa tiegħu u l-kburija żżommu 'l bogħod min-niesu, li jobbligahom juruh rispett u devozzjoni. Le, le, Uliedi! Naf kif inċekken lili nnifsi, ferm aktar milli tistgħu timmaġinaw.*
*Madankollu, dak li neħtieġ huwa l-osservanza fidila tal-kmandamenti li Jien tajt lill-Knisja, biex tkunu kreaturi razzjonali u ma tkunx bħall-annimali minħabba n-nuqqas ta' dixxiplina u l-inklinazzjonijiet ħżiena tagħkom, sabiex tippreservaw it-teżor li huwa r-ruħ li tajtkom, imlibbsa fil-milja tas-sbuħija divina tagħha!*
*Imbagħad, skond ix-xewqa tiegħi, agħmlu dak li diġà tajt struzzjonijiet biex tagħmlu: onorawni b'devozzjoni speċjali. Jalla dan jurikom ir-rieda tiegħi li nagħtikom ħafna benefiċċji u li nħallikom taqsmu, f'miżura kbira, il-qawwa u l-glorja Tiegħi, sempliċement sabiex nagħmilkom kuntenti u nsalvakoom, u biex nuri x-xewqa unika tiegħi: li nħobbkom u li nkun maħbub lura minnkom.*
*Jekk tħobbuni bħala tfal rispettabli, ikollkom ukoll rispett ta' mħabba u ubbidjenza għall-Knisja u r-rappreżentanti Tiegħi. Mhux rispett bħal ma turu issa, li jżommkom 'il bogħod minni għax tibżgħu minni. Dan ir-rispett falz li għandkom issa hija inġustizzja għall-ġustizzja, li qed tikkawża l-ferita fl-aktar parti sensittiva ta' qalbi; qed tinsew, tirrifjutaw, l-imħabba ta’ Missier għalikom.*
*Dak li l-aktar nikkitni fil-poplu tiegħi, Iżrael, u dak li għadu l-aktar jweġġani dwar l-umanità tal-lum, huwa dan ir-rispett mifhum ħażin li għandkom lejja. L-għadu tal-bniedem, fil-fatt, użah biex wassllu jaqa’ f'idolatrija u l-firdiet. Huwa għadu jużah u se jkompli jużah kontra tagħkom biex iżżommkom 'il bogħod mill-verità, mil-Knisja Tiegħi u Minni. Oh, tħallux lilkom innfuskom titmexxew aktar mill-għadu; emmnu fil-verità li qed tiġi żvelata lilkom u imxu fid-dawl ta' din il-verità.*

*Intom, uliedi, li qedin li mintomx fil-Knisja Kattolika, għandkom tkunu tafu li m'intomx esklużi mill-imħabba tiegħi, il-missier. Qed nagħmel dan l-appell ħanin għax intom*

*ukoll uliedi. Jekk għextu sa issa fin-nasba tax-xitan, agħrafu li qarraq bikom. Ejjew għandi, Missierkom, u jiena nilqagħkom bil-ferħ u bl-imħabba!*

*U intom, li tafu biss ir-reliġjon li trabbejtu fiha, u li dik r-reliġjon mhix il-waħda vera, iftħu għajnejkom. Hawn hu Missierekom, Hu li ħalaqkom u li jrid isalvakom. Ġejt għandkom biex inġibilkom il-verità u s-salvazzjoni. Qed nara li ma tafuniex u mintomx tindunaw li kull ma irridkom hu li tkunu tafuni bħala il-Missier, il-Ħallieq u is-Salvatur tagħkom. Huwa minħabba in-nuqqas ta' dan l-għarfien li ma tistawx tħobbuni. Ifhemu, għalhekk, li m'iniex daqshekk 'il bogħod minnkom kif qed taħsbu.*

*Kif nista' nħallikom waħedkom wara li ħloqtkom u adottajtkom permezz tal-imħabba tiegħi? Insegwikom kullimkien, nipproteġikom dejjem, sabiex kollox isir konferma tal-libertà kbira tiegħi lejkom, minkejja li tinsew it-tjubija infinita tiegħi. Din li tinsew ġġiegħlkom tgħidu: "In-natura tipprovdilna kollox, ittina biex ngħixu u mmutu." Dan huwa żmien ta' grazzja u illuminazzjoni. Għarfu, mela, li jien l-uniku Alla veru!*

*Sabiex nagħtikom il-kuntentizza vera f'din il-ħajja u f'li jmiss, irridkom tagħmlu dak li qed nissuġġerilkom f'din l-illuminazzjoni. Iż-żmien huwa opportun, titilfux din l-imħabba li qed tiġi offruta lil qalbkom b'mod daqshekk tanġibbli. Nitlob lil kulħadd biex jieħu sehem fil-Quddiesa Mqaddsa skont il-liturġija; dan jogħġobni ħafna! Aktar tard se nissuġġerixxielkom xi talb qasir, imma ma rridx nagħmel piż żejjed fuqkom! L-iktar ħaġa importanti tkun li tonorawni kif għedtilkom, billi tistabbilixxu festa f'Ġieħi u sservuni bis-sempliċità ta' wlied veri ta' Alla, Missier, Ħallieq u Salvatur tar-razza umana.*

*Din hi prova oħra tal-imħabba ta' missier għall-bnedmin. Uliedi, mhux se nkellimkom dwar il-kobor kollu tal-imħabba infinita tiegħi, għax intom għandkom biss tiftħu l-kotba mqaddsa, tħarsu lejn il-kurċifiss, it-tabernaklu u s-Sagrament Imqaddes, biex tirrealizzaw kemm ħabbejtkom!*

*Madankollu, sabiex nurikom li għandkom bżonn tissodisfaw r-rieda Tiegħi għalikom u li tagħmluni magħruf u maħbub aħjar, nixtieq, qabel ma ntemm dan il-kliem, li kien biss il-bażi biex jistabilixxi ix-xogħol tiegħi ta' mħabba fost il-bnedmin, li nirrimarkalkom xi wħud mill-provi innumerabbli tal-imħabba Tiegħi għalikom!*

*Sakemm il-bniedem ma jgħix fil-verità, ma jistax iduq il-ħelsien ta' veru. Intom, tfal Tiegħi, taħsbu li għandkom il-ferħ u l-paċi, intom li qedin li l-hinn mil-liġi vera, għax għal-ubbidjenza li ħloqtkom. Imma fil-fond ta' qalbkom tħossu li la għandkom paċi u anqas il-ferħ veru u mhux qedin tgawdu il-ħelsien veru ta' dak il-Wieħed li ħalaqkom u li huwa Alla u Missierkom!*

*Imma intom, li timxu wara il-liġi vera, jew aħjar, li wegħdtu li issegwu l-liġi li tajtkom biex tiżguraw is-salvazzjoni tagħkom, ħallejtu l-vizzji imexxukom fil-ħażen. Intom tbiegħdtu mil-liġi billi ġibtu ruħkom ħażin. Taħsbu li intom kuntenti? Le. Intom tħossu li qalbkom mhix komda. Tissoponu li, billi tfittxu il-pjaċiri u l-ferħ uman ieħor, qalbkom fl-aħħar se tkun sodisfatta? Le. Ħalli ngħidilkom, intom qatt ma se tħosskom tassew ħielsa u lanqas tassew kuntenti sakemm tagħrfuni bħala Missierkom u tissottomettu għall-madmad tiegħi, biex tkunu il-vera wlied ta' Alla, Missierkom.*

*Għaliex? Għax ħloqtkom għal skop wieħed, biex inkun tafuni, tħobbuni u is-servuni, bħal ma' tfal innoċenti u ta' fiduċja jaqdu lil missierhom!*

*Xi darba, fit-Testment il-Qadim, il-bnedmin kienu iġibu ruħhom bħall-annimali, ma żammew ebda sinjal tad-dinjità tagħhom bħala wlied Alla, Missierhom. Allura biex nagħmilhom jirrealizzaw li Xtaqt intellaħħhom għad-dinjità kbira ta' wlied Alla, xi drabi kelli nuri lili nnifsi bħala aħrax tal-biża. Aktar tard, meta rajt lil xi wħud minnhom kienu mogħnija b'raġuni biżżejjed biex wieħed jifhem, eventwalment, li kien meħtieġ li huma jitbieghdu mill-annimali, imbagħad bdejt nxerred benefiċċji fuqhom, biex nagħtihom vantaġġ fuq dawk li kienu għadhom mhux kapaċi jagħrfu u jippreservaw id-dinjità tagħhom stess.*
*U minħabba li kienu qed jiżdiedu fin-numru, bgħattilhom lil Ibni. Huwa kien imżejjen bil-perfezzjonijiet divini kollha għaliex Kien l-Iben ta' Alla l-perfett. Kien Hu li wriehom il-modijiet għall-perfezzjoni. Permezz tiegħu adottajtkom fl-imħabba infinita tiegħi, bħala tfal reali. Minn dakinhar qatt ma sejjaħtilkom sempliċement "kreaturi", imma "tfal".*
*Libbistkom fl-ispirtu veru tal-liġi l-ġdida li mhux biss tiddistingwikom mill-annimali, bħall-bnedmin tal-liġi l-qadima, imma jgħollikom 'il fuq minn dawk il-bnedmin tat-Testment il-Qadim. Jiena tellagħjtkom ilkoll għad-dinjità ta' wlied Alla. Iva, intom Uliedi u tridu tgħiduli li jien Missierkom. Imma afdaw fija kif jagħmlu t-tfal, għax mingħajr din il-fiduċja qatt ma tkunu tassew ħielsa.*
*Dak kollu li qed ngħidilkom huwa maħsub biex iġġiegħlkom tirrealizzaw li ġejt biex inwettaq din il-ħidma ta' mħabba, biex nagħtikom għajnuna kbira sabiex twarrbu l-iskjavitù tiraniku li xekkel lill-ruħkom, u biex tgawdu libertà reali, meta l-hena tassew tasal. Meta mqabbel ma' din il-libertà, il-ferħ kollu ta’ din id-dinja mhu xejn. Għollu lilkom infuskom għad-dinjità ta' wlied Alla u tgħallmu kif tirrispettaw il-kobor tagħkom. Imbagħad inkun Missierkom aktar minn qatt qabel, l-aktar Missier ta’ mħabba u ħanin fost il-missirijiet.*
*Ġejt biex inġib il-paċi b'dan ix-xogħol ta' mħabba. Se nħalli raġġ ta' paċi jaqa' fuq kull min jonorani u jafda fija, biex ikun meħlus mil-problemi, l-inkwiet, it-tbatijiet u s-sofferenzi kollha tiegħu, speċjalment jekk isejjaħli u jħobbni bħala Missieru. Jekk il-familji jonorawni u jħobbuni bħala Missierhom, nagħtihom il-paċi flimkien mal-providenza tiegħi. Jekk il-ħaddiema, in-negozjanti u nies tas-sengħa jinkluduni u jonorawni, nagħtihom il-paċi u s-saħħa tiegħi, nurihom li Jien Missier tajjeb u ħanin. Jekk kull komunità Nisranija tinkluduni u tonorani, nagħtiha l-paċi tiegħi, nuriha li jien l-aktar Missier li jħobb, u permezz tal-qawwa tiegħi nassigura s-salvazzjoni eterna tal-erwieħ.*
*Jekk l-umanità kollha iddaħħalni u tonorani, inniżżel fuqha l-ispirtu tal-paċi bħal nida ta’ ġid.*
*Jekk in-nazzjonijiet kollha, bħala tali, iddaħħluni u jonorawni, ma jkunx hemm aktar diżgwid, u lanqas gwerer, għax jien Alla tal-paċi u fejn hemm jien, ma jistax ikun hemm gwerra.*
*Tixtiequ tiksbu rebħa fuq l-għadu tagħkom? Sejħuli u jkollkom rebħa fuqu.*
*Fl-aħħarnett, tafu li nista' nagħmel kollox minħabba is-saħħa Tiegħi. Qed noffri ukoll, din is-saħħa lilkom ilkoll, biex tużawha issa u għall-eternità. Jiena dejjem nurikom li Jien missierkom, basta turuni li intom wliedi.*
*X'nixtieq nikseb b'din il-ħidma ta' mħabba, jekk mhux biex insib qlub kapaċi li jifhmuni?*

*Jiena l-qdusija li għandi l-espressjoni perfetta u sħiħa tagħha; Noffrilkom din il-qdusija, li tagħha jiena l-Awtur, permezz tal-Ispirtu Qaddis Tiegħi, u innissilha f'ruħkom permezz tal-merti ta' Ibni.*

*Huwa permezz ta' Ibni u l-Ispirtu Qaddis li jiena ġej għandkom u fikom, u fikom li nfittex is-serħan tiegħi.*

*Għal xi erwieħ, il-kliem "Sejjer niġi fik" jidher misteru, iżda dan mhux misteru! Għax, wara li tajt struzzjonijiet lil Ibni biex iwaqqaf l-Ewkaristija Mqaddsa, Jiena nkun lest biex niġi għandkom kull darba li tirċievu l-Ostja ikkonsagrata!*

*M’għandniex xi ngħidu, xejn ma żammni milli niġi għandkom anke qabel stabilixxejt l-Ewkaristija, għax xejn mhu impossibbli għalija! Imma li tirċievi dan is-Sagrament hija azzjoni li faċli tifhmuha u turi kif niġi għandkom!*

*Meta nkun fikom, ikun aktar faċli li nagħtikom dak li għandi, sakemm intom tistaqsuni għalih. Permezz ta' dan is-Sagrament intom magħqudin intimament miegħi. Hija f'din il-intimità li l-imħabba Tiegħi tinżel u il-qdusija Tiegħi tinfirex f'ruħkom.*

*Nimlikom bl-imħabba tiegħi, mbagħad jonqos biss li titolbuni il-virtujiet u l-perfezzjonijiet li jkollkom bżonn u tistgħu tkunu ċerti li f'dawk il-mumenti, meta Alla jkun qed jistrieħ ġewwa il-kreaturi tiegħu, xejn ma jiġi rrifjutat lilkom.*

*Issa, li tafu il-post favorit tal-mistrieħ tiegħi, m'intomx se toffruhuli? Jiena Missierkom u Alla tagħkom; se tazzardaw tirrifjutawli dan? Oh, tħallunix inbati minħabba l-moħqrija tagħkom lejn Missier li qed jitlobkom dan il-favur Għalieħ innifsu.*

*Qabel ma ntemm dan il-messaġġ, nixtieq nesprimi xewqa lil bosta erwieħ li huma kkonsagrati għas-servizz Tiegħi. Intom, saċerdoti u reliġjużi, intom dawk l-erwieħ. Intom iddedikati għas-servizz Tiegħi, kemm fil-ħajja kontemplattiva jew dik fil-karitattiva u xogħlijiet appostoliċi. Min-naħa Tiegħi, dan huwa privileġġ mogħti permezz tat-tjubija Tiegħi; Minn-naħa tagħkom, hija l-fedeltà lejn il-vokazzjoni flimkien mar-rieda tajba tagħkom.*

*Din hija x-xewqa tiegħi: intom li ssibuha aktar faċli li tifhemu dak li nistenna mill-umanità, itolbuni, biex inkun nista' nwettaq il-ħidma tiegħi ta' mħabba fl-erwieħ kollha. Naf id-diffikultajiet kollha li jridu jingħelbu biex tirbaħ ruħ! Madankollu, dan huwa l-mezz effettiv li jgħinkom iġġibu numru kbir minnhom lili: dan ifisser li tagħmluni magħruf, maħbub u onorat mill-bniedem.*

*Irridkom tkun minn ta’ l-ewwel li tibdew tagħmlu dan. X'ferħ għalija nidħol l-ewwel fid-djar tas-saċerdoti u reliġjużi! X'ferħ li insib lili nnifsi, bħala Missier, fost it-tfal maħdubin tiegħi! Magħkom nibda konversazzjonijiet bħal ħbieb intimi! Se nkun għalikom l-aktar prudenti mil-ħbieb! Se nkun kollox għalikom, se nissodisfa l-bżonnijiet kollha tagħkom! Fost kollox, jiena nkun il-Missier li nirċievi t-talbiet tagħkom, Dak li jxerred l-imħabba, il-benefiċċji u sensittività universali tiegħu fuqkom.*

*Tirrifjutawniex dan il-ferħ li nixtieq ingawdi magħkom! Se nagħtihielkom lura mitt darba aktar u, talli se tonorawni, se nonorakom ukoll, billi nipprepara glorja kbira għalikom fis-saltna Tiegħi!*

*Jiena d-dawl tad-dwal: fejn jippenetra se jkun hemm il-ħajja, il-ħobż u l-kuntentizza. Dan id-dawl se jillumina lill-pellegrin, ix-xettiku, l-injorant. Se jillumina lilkom ilkoll, o bnedmin li tgħixu f'din id-dinja ta’ dlam u l-vizzji. Jekk ma kellkomx id-dawl tTiegħi, intom taqgħu fl-abbissi tal-mewt etern!*

*Fl-aħħarnett, dan id-dawl se jdawwal ittoroq li jwasslu għal vera Knisja Kattolika lill-foqra uliedha li għadhom vittmi tas-superstizzjoni. Se nuri lili nnifsi bħala Missier lil dawk li jbatu l-aktar fid-dinja, il-povri lebbrużi.*

*Se nuri lili nnifsi li Jien Missier lil dawk kollha li huma abbandunati, l-imwarrbin minn kull soċjetà umana. Se nuri lili nnifsi bħala Missier ta’ dawk mġarrbin, tal-morda, u fuq kollox, ta’ dawk li huma f'agunija. Se nuri lili nnifsi bħal Missier lill-familji kollha, lil orfni, romol, priġunieri, ħaddiema u ż-żgħar. Se nuri lili nnifsi bħala l-Missier tar-renjanti, Missier il-poplu tagħhom. Sejrin ilkoll tħossu t-tjubija u l-protezzjoni Tiegħi, kollha se taraw l-qawwa Tiegħi!*

*Il-barka divina Tiegħi ta’ missier fuq kulħadd. Amen!*

*Speċjalment lil ibni ir-Rappreżentant. Amen!*

*Speċjalment lil ibni, l-isqof. Amen!*

*Speċjalment lil Ibni, il-missier spiritwali. Amen!*

*Speċjalment lil uliedi bniet, ommijietkom. Amen!*

*Lill-kongregazzjoni kollha tal-imħabba Tiegħi. Amen!*

*Lill-Knisja kollha u lill-kleru kollu. Amen!*

*Barka speċjali ħafna lill-Knisja fil-purgatorju. Amen!*

*AMEN!*

“Per Ipsum, cum Ipso et in Ipso”
“Permezz Tiegħu, Miegħu u Fih”

## Talba ta' Madre Eugenia:
## **Alla hu Missieri**

Missier tiegħi fis-Smewwiet, kemm hu sabieħ li wieħed ikun taf li Inti Missieri u li jien It-tifel jew it-tifla tiegħek!

Speċjalment meta s-smewwiet ta' ruħi jkunu msaħħba u salibi jiżen aktar, jien nħoss il-ħtieġa li nirrepetilek: Missier, nemmen fl-imħabba Tiegħek għalija!

Iva, nemmen li Int Missier għalija f'kull mument ta' ħajti, u li jien It-tifla tiegħek!

Nemmen li Tħobbni b'imħabba infinita!

Nemmen li Qed tindokrani lejl u nhar u li ma taqax xargħa waħda minn rasi hekk mhux mingħajr il-permess tiegħek!

Nemmen li, bl-Għerf infinit Tiegħek, Taf aħjar minni dak li hu tajjeb għalija.

Nemmen li, bil-qawwa infinita Tiegħek, Tista' toħroġ it-tajjeb anke mill-ħażen.
Nemmen li, bit-tjubija infinita tiegħek, Int tagħmel kollox għall-vantaġġ ta' dawk li jħobbuk; anke mil-idejn li jsawtuni, jien nbus idek li tfejjaq!
Jiena nemmen, iżda żied fija l-fidi, it-tama u l-imħabba!
Għallimni dejjem nara l-imħabba tiegħek bħala l-gwida tiegħi f'kull sitwazzjoni f'ħajti.
Għallimni nħalli lili nnifsi f'Idejhk bħal tarbija f'dirgħajn ommha.
Missier, Int taf kollox, Int tara kollox, Inti tafni aħjar milli naf lili nnifsi; Inti tista' tagħmel kollox, u Tħobbni!
Missier, minħabba li hija x-xewqa Tiegħek li aħna dejjem induru lejk, indur Lejk b'fiduċja u nitolbuk, flimkien ma' Ġesù u Marija... (Hawnhekk itlob il-favur li inti tixtieq). Għal din l-intenzjoni, u ningħaqad mal-aktar Qalb Sagra Tagħhom, noffrilek it-talb kollu tiegħi, is-sagrifiċċji u l-mortifikazzjonijiet tiegħi, l-azzjonijiet kollha tiegħi, u fedeltà akbar għad-dmirijiet tiegħi. (Jekk din it-talba għandha tiġi reċitata bħala novena, żid: "Inwiegħed
li jkunu aktar ġeneruż, speċjalment matul dawn id-disat ijiem, f'ċirkostanzi partikolari, għat-tali persuna ....").
Agħtini d-dawl, il-grazzja u l-qawwa tal-Ispirtu s-Santu!
Saħħaħni b'dan l-Ispirtu, biex qatt ma nitilfĦu, qatt ma nagħmlĦ sobieni u qatt ma nħalliĦ jiddgħajjef fija.
Missier, nitlob dan f'isem Ġesù, Ibnek! U Int, Ġesù, iftaħ Qalbek u poġġiha f'tiegħi, u, flimkien ma' ta' Marija, offriha lill-Missier divin tagħna! Ikseb għalija il-grazzja li għandi bżonn!
Missier Divin, sejjaħ lill-bnedmin kollha lejk. J'Alla d-dinja kollha tipproklama it-tjubija u l-ħniena Tiegħek, id-divin Missier!
Kun il-Missier teneru tiegħi u ipproteġini kull fejn inkun, daqs il-mimmi t'Għajnejk. Agħmili dejjem iben/bint ta' valur Għalik; ikollok ħniena minni!
Missier Divin, tama ħelwa ta' ruħna, jalla Tkun magħruf, onorat u maħbub minn kull bniedem!
Missier Divin, tjubija infinita mxerrda fuq il-popli kollha, jalla Tkun magħruf, onorat u maħbub mill-bnedmin kollha!
Missier Divin, nida benefiċenti tal-umanità, jalla Tkun magħruf, onorat u maħbub mill-bnedmin kollha!

Madre Eugenia

Indulġenza parzjali:

+ Jean Cardinal Verdier
Arċisqof ta' Pariġi
Mejju-8, 1936

+ Mons. Girard, Vigarju Appostolik
Kajr (Eġittu)
Ottubru-9, 1935

**Din l-edizzjoni sservi bħala manuskritt.**
Ma tinbiegħx u ma tkunx disponibbli kummerċjalment.
Dan il-ktieb jitqassam bla spejjeż sabiex jiċċirkola l-messaġġ tal-Missier.
Għalhekk, ħadd mhu awtorizzat li jitlob ammonti jew donazzjonijiet għal dan ix-xogħol,
li jrid jeżisti biss bil-fiduċja fit-tama ta' dan il-messaġġ.
Dawk kollha, li jixtiequ jirringrazzjaw ta' dan il-ktejjeb huma mistiedna jitolbu,
speċjalment għal dawk in-nies, li għadhom ma jafux lill-Missier.
Kulħadd jista' jgħin b'mod volontarju biex iqassam dan il-messaġġ.

**Donazzjonijiet:**
Aktar kopji ta' dan il-ktieb jistgħu jinkisbu mid-distributuri.

Donazzjonijiet biex jgħinu fl-istampar u l-posta jintlaqgħu bi gratitudni.

Kwalunkwe informazzjoni dwar grazzji maqluha jew inizjattivi li ittieħdu b'rabta ma' il-messaġġ tal-Missier ta' mħabba u ħniena tista' tintbagħat lill-pubblikaturi jew lill-Distributuri.

**Distributuri**

L-Istati Uniti u l-Kanada:
Gerald H. Roubal
“Father of all Mankind” Foundation, Inc.
2171 Joy Road
Auburn Hills
Michigan, U.S.A., 48326-2627
Telefon jew & Fax: +001 (810) 373-0553

Ir-Renju Unit u l-Irlanda:
Brian Standfield
Martins, High Street
Twyford, Hants.
SO21 1R
U.K.

Jew ikkuntattja lill-pubblikatur:
“Edizioni Nidi di Preghiera”
C.P. 135
I-67100 L´Aquila

## SOMMARJU
## IL-MISSIER IKELLEM LIL ULIEDU

*“… Nassigurakom, li ma tafuxnix kif vera Jien, għax ġejt biex nipproklama li Jiena stess Hu il-Missier ta' kulħadd u li Jien l-aktar missier ħanin fost il-missirijiet, sabiex nittrasforma imħabbitkom, li tgħawġet mill-biża' lejja.*
*Ġejt biex nagħmel Lili nnifsi simili tal-kreaturi tiegħi, biex nikkoreġi l-idea li għandkom Tieghi ta' Alla ġust tal-biża', għax nara lill-bnedmin iqattgħu ħajjithom kollha mingħajr ma jafdaw fl-uniku Missier, li l-unika xewqa Tiegħu hija li jagħmel il-ħajja f'din l-art aktar faċli u mbagħad jagħtihom ħajja divina, fis-sema.*
*Din hija prova li l-erwieħ ma jafunix aktar minnkom, li għadkom ma għelebtux l-idea li għandkom Tiegħi. Imma issa qed nagħtikom dan id-dawl. Ibqgħu f'dan id-dawl u għadduħ lil kulħadd, u jkun mezz qawwi kemm biex tiksbu konverżjonijiet u biex tagħlqu, jekk possibbli, il-bibien tal-infern, għax issa se nirrepeti l-wegħda tiegħi, li sejrha iddum għal dejjem:*

*DAWK KOLLHA LI JSEJĦULI BL-ISEM TA' MISSIER, ANKE JEKK DARBA BISS, MA JINTILFUX, IMMA JISTGĦU JAĊĊERTAW RUĦHOM MILL-ĦAJJA ETERNA FOST IL-MAGĦŻULIN"*

"Alla hu Missieri!" Din l-għajta qed tinstema' dejjem aktar ta' spiss fid-dinja tal-lum: in-nies qed jagħrfu li Alla huwa tassew Missierhom.
Konsegwentement, inħossu li huwa d-dmir tagħna li nippubblikaw messaġġ, mogħti lid-dinja minn Alla l-Missier permezz ta' waħda mill-kreaturi Tiegħu li tant kienet tħobbu, Sor Eugenia Elisabetta Ravasio, u rikonoxxut mill-Knisja bħala validu.
Aħna nqisu li huwa xieraq li nintroduċu dan ix-xogħol billi nikkwotaw ix-xhieda ta 'eks Isqof ta' Grenoble, ir-Reverendu Alexandre Caillot. Fl-1935 waqqaf bord ta' esperti, miġbura minn diversi partijiet ta' Franza, biex imexxi inkjesta djoċesana, li damet għaddejja għaxar snin.

Il-membri tiegħu kienu jinkludu l-Vigarju Ġenerali tal-Isqof ta' Grenoble, Mons. Guerry, teologu; l-aħwa Ġiżwiti, Fader Albert u Auguste Valencin-Amons, li kklassifikaw fost l-awtoritajiet ewlenin fil-qasam tal-filosofija u t-teoloġija u kienu esperti fl-evalwazzjoni ta' każijiet bħal dawn; u żewġ tobba tal-mediċina, li wieħed minnhom kien psikjatra.
Aħna ċerti li dan il-messaġġ jgħin lin-nies jifhmu t-tenerezza profonda li għandu l-Missier għal kull wieħed u waħda minna, u nittamaw li l-messaġġ ikollu l-akbar ċirkolazzjoni possibbli.

P. Andrea D’Ascanio
OFM